

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14133/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0305(NLE)**

CYBER 280	RECH 529
JAI 1118	COMPET 642
JAIEX 121	IND 273
EJUSTICE 107	COTER 115
COSI 254	ENFOPOL 350
DATAPROTECT 154	COPS 485
COPEN 387	MI 578
TELECOM 269	IXIM 139
PROCIV 99	POLMIL 201
CSC 367	HYBRID 48
CIS 65	CSCI 96
RELEX 1019	POLGEN 234

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	JOIN(2020) 18 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL L-istrategġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument JOIN(2020) 18 final.

Mehmuż: JOIN(2020) 18 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 16.12.2020
JOIN(2020) 18 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

L-istrategġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali

KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-istrategġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali

I. DAĦLA: TRASFORMAZZJONI DIĠITALI ĊIBERSIGURA F'AMBIENT TA' THEDDID KUMPLESS

Iċ-ċibersigurtà hija parti integrali mis-sigurtà tal-Ewropej. Ikun xi jkun l-apparat li jużaw u jiffrekwentaw in-nies, kemm jekk ikunu grilji tal-elettriku, banek, inġenji tal-ajru, amministrazzjonijiet pubbliċi jew sptarijiet, jistħoqqilhom li dan jagħmluh biċ-ċertezza li se jkunu protetti mit-theddid ċibernetiku. L-ekonomija, id-demokrazija u s-soċjetà tal-UE jiddependu aktar minn qatt qabel minn għodod u konnettività diġitali sikuri u affidabbli. Għalhekk iċ-ċibersigurtà hija essenzjali biex tinbena Ewropa reżiljenti, ekoloġika u diġitali.

It-trasport, l-enerġija u s-saħħa, it-telekomunikazzjonijiet, il-finanzi, is-sigurtà, il-proċessi demokratiċi, l-ispazju u d-difiża jiddependu ħafna min-networks u s-sistemi tal-informazzjoni li qed isiru dejjem aktar interkonnessi. L-interdipendenzi transsettorjali huma b'saħħithom ħafna minħabba li s-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni, min-naħa tagħhom, jiddependu minn provvista kostanti ta' elettriku biex jiffunzjonaw. Diġà hemm iżjed apparati konnessi milli hemm nies fuq il-pjaneta, u huwa mbassar li l-għadd tagħhom se jiżdied għal 25 biljun sal-2025¹; kwart minnhom se jkunu fl-Ewropa. Id-diġitalizzazzjoni tax-xejriet tax-xogħol ġiet aċċellerata mill-pandemija tal-COVID-19, li matulha 40 % tal-ħaddiema tal-UE qalbu għat-telexogħol, b'effetti permanenti probabbli fuq il-ħajja ta' kuljum². Dan iżid il-vulnerabbiltà għall-attakki ċibernetiċi³. L-oġġetti konnessi spiss diġà jkollhom vulnerabbiltajiet magħrufa meta jintbagħtu lill-konsumaturi, u dan ikompli jifrex il-kamp li fih jistgħu jattakkaw dawk li jwettqu attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi⁴. Ix-xenarju industrijali fl-UE qed isir dejjem iżjed diġitalizzat u konness; dan ifisser ukoll li l-attakki ċibernetiċi jista' jkollhom impatt ħafna akbar fuq l-industrija u fuq l-ekosistemi minn qatt qabel.

¹Stmat mill-assoċjazzjoni tal-kummerċ tat-telekomunikazzjoni GSMA; <https://www.gsma.com/iot/wp-content/uploads/2018/08/GSMA-IoT-Infographic-2019.pdf>. Il-Korporazzjoni Internazzjonali tad-Data tipprevedi 42,6 biljun magna, sensor u kamera konnessi; <https://www.idc.com/getdoc.jsp?containerId=prUS45213219>.

²Fi sħarriġ li sar f'Ġunju tal-2020, 47 % tal-kumpaniji kummerċjali ewlenin qalu li kellhom l-intenzjoni li jippermettu lill-impjegati jaħdmu mill-bogħod fuq bażi full-time anki meta jkun possibbli li jirritornaw fil-post tax-xogħol; 82 % kienu biħsiebhom jippermettu x-xogħol mill-bogħod mill-inqas f'it mill-ħin; <https://www.gartner.com/en/newsroom/press-releases/2020-07-14-gartner-survey-reveals-82-percent-of-company-leaders-plan-to-allow-employees-to-work-remotely-some-of-the-time>.

³

https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/documents/internet_organised_crime_threat_assessment_iocta_2020.pdf

⁴Wieħed mill-malwares li l-iżjed għamel ħsara s'issa, magħruf bħala Mirai, ħoloq botnets ta' aktar minn 600 000 apparat li fiġklu bosta siti ewlenin fl-Ewropa u fl-Istati Uniti.

Ix-xenarju tat-theddid huwa aggravat minn tensjonijiet ġeopolitiċi dwar l-Internet globali u miftuħ u dwar il-kontroll tat-teknoloġiji tul il-katina tal-provvista kollha⁵.

Dawn it-tensjonijiet huma riflessi fl-għadd dejjem jikber ta' stati nazzjon li qed joħolqu l-fruntieri diġitali. Ir-restrizzjonijiet tal-Internet u fuqu jheddu ċ-ċiberspazju globali u miftuħ, u jheddu wkoll l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-libertà u d-demokrazija – il-valuri ta' qofol tal-UE. Iċ-ċiberspazju qed jiġi sfruttat dejjem aktar għal finijiet politiċi u ideoloġiċi, u ż-żieda fil-polarizzazzjoni fil-livell internazzjonali qed ixxejjel il-multilateraliżmu effettiv. It-theddidiet ibridi jikkombinaw kampanji ta' diżinformazzjoni ma' attakki ċibernetiċi fuq l-infrastruttura, fuq il-proċessi ekonomiċi u fuq l-istituzzjonijiet demokratiċi, bil-potenzjal li jikkawżaw ħsara fiżika, jiksbu aċċess illegali għad-*data* personali, jisirqu s-sigrieti industrijali jew statali, iqajmu nuqqas ta' fiduċja, u jdgħajfu l-koeżjoni soċjali. Dawn l-attivitajiet jimminaw is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u l-benefiċċji li jgħib miegħu ċ-ċiberspazju għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u politiku.

L-immirar malizzjuż tal-infrastruttura kritika huwa riskju globali kbir.⁶ L-internet għandu arkitettura deċentralizzata mingħajr struttura ċentrali, u governanza b'diversi partijiet ikkonċernati. Irnexxielu jsostni żidiet dejjem jikbru fil-volumi tat-traffiku filwaqt li ilhu mira kostanti ta' tentattivi malizzjużi ta' tfixkil⁷. Fl-istess ħin, hemm dipendenza akbar fuq il-funzjonijiet ewlenin tal-Internet globali u miftuħ, bħas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominji (DNS), u s-servizzi essenzjali tal-Internet għall-komunikazzjonijiet u l-ospitar, l-applikazzjonijiet u d-*data*. Dawn is-servizzi il-ħin kollu qegħdin isiru aktar ikkonċentrat f'idejn għadd żgħir ta' kumpaniji privati⁸. Minħabba f'hekk, l-ekonomija u s-soċjetà Ewropea huma vulnerabbli għal avvenimenti ġeopolitiċi jew tekniċi ta' tfixkil li jaffettwaw il-qofol tal-Internet jew lil waħda jew aktar minn dawn il-kumpaniji. Iż-żieda fl-użu tal-internet u x-xejriet li qed jinbidlu minħabba l-pandemija esponew aktar il-fraġilità tal-ktajjen tal-provvista li jiddependu minn din l-infrastruttura diġitali.

It-tħassib dwar is-sigurtà huwa diżinċentiv kbir għal min irid juża s-servizzi online⁹. Madwar tnejn minn kull ħames utenti tal-UE esperjenzaw problemi b'rabta mas-sigurtà, u tlieta minn kull ħamsa jħossu li ma jistgħux jiproteġu ruħhom kontra ċ-ċiberkriminalità¹⁰.

⁵Inklużi l-komponenti elettroniċi, l-analitika tad-*data*, il-cloud, in-networks aktar veloċi u aktar intelliġenti bil-5G u lil hinn, il-kriptaġġ, l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), u paradigmi ġodda tal-informatika u tal-ipproċessar tad-*data* fdati, bħall-blockchain, il-cloud to-edge u l-quantum computing.

⁶Forum Ekonomiku Dinji, Global Risks Report 2020.

⁷Il-pandemija wasslet għal żieda ta' 60 % fit-traffiku tal-internet skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, <https://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/keeping-the-internet-up-and-running-in-times-of-crisis-4017c4c9/>. Il-korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u l-Kummissjoni b'mod regolari jipubblikaw [ir-rapporti](#) dwar l-istatus tal-kapaċità tal-internet matul il-miżuri ta' konfinament tal-coronavirus. Skont rapport tal-ENISA, kien hemm żieda ta' 241 % fl-għadd totali ta' attakki distribwiti li jwaqqfu s-servizz (DDoS) waqt it-tielet trimestru tal-2019 meta mqabbel mat-tielet trimestru tal-2018. L-attakki DDoS qegħdin jiżiedu fl-intensità, u l-akbar attakk li qatt seħħ kien fi Frar tal-2020 u laħaq quċċata ta' traffiku ta' 2,3 terabit fis-sekonda. Fil-“perjodu ta' qtugħ CenturyLink” f'Awwissu tal-2020, problema ta' routing tal-Fornitur tas-Servizz tal-Internet tal-Istati Uniti wasslet għal tnaqqis ta' 3,5 % fit-traffiku globali fuq il-web; <https://www.enisa.europa.eu/publications/enisa-threat-landscape-2020-distributed-denial-of-service>

⁸Is-Soċjetà tal-Internet, The Global Internet Report: Consolidation in the Internet Economy; <https://www.internetsociety.org/blog/2019/02/is-the-internet-shrinking-the-global-internet-report-consolidation-in-the-internet-economy-explores-this-question/>

⁹https://data.europa.eu/euodp/mt/data/dataset/S2249_92_2_499_ENG

¹⁰L-Indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali tal-2020 <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/digital-economy-and-society-index-desi-2020>; https://data.europa.eu/euodp/mt/data/dataset/S2249_92_2_499_ENG

Terz mill-utenti rċevew emails jew telefonati frodulentli li talbu d-dettalji personali tagħhom f'dawn l-aħħar tliet snin, iżda 83 % qatt ma rrapportaw ċiberkriminalità. Wieħed minn kull tmien negozji ġew affettwati minn attacchi ċibernetiċi¹¹. Aktar minn nofs il-kompjuters personali tan-negozju u tal-konsumaturi li ġew infettati bil-malware darba jergħu jiġu infettati mill-ġdid fl-istess sena¹². Mijiet ta' miljuni ta' rekords jintilfu kull sena minħabba vjolazzjoni tad-*data*; l-ispiża medja ta' vjolazzjoni tad-*data* għal negozju wieħed żdiedet għal aktar minn EUR 3,5 miljun fl-2018¹³. L-impatt ta' attackk ċibernetiku spiss ma jistax jiġi iżolat, u jista' jwassal għal reazzjonijiet katina fl-ekonomija u fis-soċjetà kollha, li jaffettwaw miljuni ta' individwi¹⁴.

L-investigazzjoni ta' kważi kull tip ta' kriminalità għandha komponent diġitali. Fl-2019, l-għadd ta' inċidenti minn sena għal sena ġie rrapportat li ttrippla. Huwa stmat li hemm 700 miljun kampjun ġdid ta' malware: dan huwa l-aktar mezz frekwenti biex jitmexxa 'l quddiem attackk ċibernetiku¹⁵. L-ispiża annwali taċ-ċiberkriminalità għall-ekonomija globali fl-2020 hija stmata għal EUR 5,5 triljun, id-doppju ta' dik tal-2015¹⁶. Dan jirrappreżenta l-akbar trasferiment ta' ġid ekonomiku fl-istorja, akbar mill-kummerċ globali tad-drogi. Għal inċident kbir wieħed, l-attackk ta' ransomware WannaCry fl-2017, l-ispiża għall-ekonomija globali kienet stmata għal aktar minn EUR 6,5 biljun¹⁷.

Is-servizzi diġitali u s-settur finanzjarju huma fost il-miri l-aktar spissi tal-attakki ċibernetiċi, flimkien mas-settur pubbliku u s-settur tal-manifattura, iżda t-tħejjija u l-għarfien ċibernetiċi fost il-kumpaniji u l-individwi għadhom f'livell baxx¹⁸, u hemm nuqqas kbir ta' ħiliet fiċ-ċibersigurtà fil-forza tax-xogħol¹⁹. Kien hemm kważi 450 inċident taċ-ċibersigurtà fl-2019 li kienu jinvolvu infrastrutturi kritiċi Ewropej, bħall-finanzi u l-enerġija²⁰. L-organizzazzjonijiet u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa ntaqtu b'mod partikolarment qawwi matul il-pandemija. Hekk kif it-teknoloġija ssir inseparabbli mid-dinja fiżika, l-attakki ċibernetiċi jqiegħdu fir-riskju l-ħajja u l-benessri ta' min hu l-aktar vulnerabbli²¹. Aktar minn żewġ terzi tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, huma meqjusa bħala "novizzji" fiċ-ċibersigurtà, u l-kumpaniji Ewropej huma meqjusa inqas imħejjija tajjeb

¹¹Stqarrija għall-Istampa tal-Eurostat, "ICT security measures taken by vast majority of enterprises in the EU", 6/2020 - 13 ta' Jannar 2020. "L-attakki ċibernetiċi fuq l-infrastruttura kritika saru norma ġdida fis-setturi kollha bħall-enerġija, il-kura tas-saħħa u t-trasport"; Ir-Rapport tal-2020 dwar ir-Riskji Globali, tal-Forum Ekonomiku Dinji.

¹²Sors: Comparitech.

¹³ Skont ir-Rapport tal-Ponemon Institute tal-2020 dwar il-kost annwali tal-vjolazzjonijiet tad-*data*, u abbażi ta' analiżi kwantitattiva ta' 524 vjolazzjonijiet riċenti madwar 17-il lokalità u 17-il industria; <https://www.capita.com/sites/g/files/nginej146/files/2020-08/Ponemon-Global-Cost-of-Data-Breach-Study-2020.pdf>

¹⁴Rapport miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), "Cybersecurity, our digital anchor"; <https://ec.europa.eu/jrc/en/publication/eur-scientific-and-technical-research-reports/cybersecurity-our-digital-anchor>

¹⁵Sors: AV-TEST, <https://www.av-test.org/en/statistics/malware/>

¹⁶Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, "Cybersecurity, our digital anchor".

¹⁷Sors: Cyence.

¹⁸Is-sensibilizzazzjoni tan-negozji għadha baxxa wkoll fir-rigward tas-serq ċibernetiku tas-sigrieti kummerċjali, speċjalment fost l-SMEs; PwC, Study on the scale and impact of industrial espionage and theft of trade secrets through cyber: Dissemination report on measures to tackle and prevent cyber-theft of trade secrets, 2018.

¹⁹Ara: ENISA Threat Landscape 2020. Kif ukoll, Verizon Data Breach Investigations Report 2020; <https://enterprise.verizon.com/resources/reports/dbir/>

²⁰ <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/10335060/9-13012020-BP-EN.pdf/f1060f2b-b141-b250-7f51-85c9704a5a5f>

²¹Ir-ransomware intuża biex jimmira l-isptarijiet u r-rekords tas-saħħa, eż. fir-Rumanija (Ġunju 2020), f'Düsseldorf (Settembru 2020) u f'Vastaamo (Ottubru 2020).

mill-kumpaniji fl-Asja u fl-Amerka²². Huwa stmat li għad hemm 291 000 pożizzjoni vojta għall-professjonisti taċ-ċibersigurtà fl-Ewropa. Ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' esperti taċ-ċibersigurtà huwa proċess kajman li jwassal għal riskji akbar taċ-ċibersigurtà għall-organizzazzjonijiet²³.

L-UE m'għandhiex għarfien kollettiv tas-sitwazzjoni tat-theddid ċibernetiku. Dan għaliex l-awtoritajiet nazzjonali ma jgħbrux u ma jaqsmux l-informazzjoni b'mod sistematiku - bħal dik disponibbli mis-settur privat - li tista' tgħin biex jiġi vvalutat l-istat taċ-ċibersigurtà fl-UE. L-Istati Membri jirrapportaw biss għadd żgħir ħafna tal-inċidenti, u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni la hija sistematika u lanqas mhi komprensiva²⁴; jista' jkun li l-attakki ċibernetiċi huma biss aspett wieħed tal-attakki malizzjużi maħsubin kontra s-soċjetajiet Ewropej. Bħalissa l-għajjnuna reċiproka funzjonali bejn l-Istati Membri hija limitata, u f'każ li jkun hemm xi inċidenti ċibernetiċi jew kriżijiet transkonfinali mifruxa, ma jeżisti ebda mekkaniżmu operattiv fis-seħħ bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE²⁵.

It-titjib taċ-ċibersigurtà għalhekk huwa essenzjali biex in-nies jafdaw, jużaw u jibbenefikaw mill-innovazzjoni, mill-konnettività u mill-awtomazzjoni, u għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali, u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Iċ-ċibersigurtà hija indispensabbli għall-konnettività tan-networks u għall-Internet globali u miftuħ li għandhom jirfdu t-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà fis-snin 2020. Hija tikkontribwixxi biex ikun hemm żieda fl-impjiegi li jkunu aħjar, postijiet tax-xogħol aktar flessibbli, trasport u biedja aktar effiċjenti u sostenibbli, u aċċess aktar faċli u aktar ġust għas-servizzi tas-saħħa. Hija essenzjali wkoll għat-tranżizzjoni lejn enerġija aktar nadifa skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew²⁶ permezz ta' grilji transfruntiera u arloġġi intelliġenti u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni żejda tal-ħżin tad-data. Fl-aħħar nett, hija essenzjali għas-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u għall-iżvilupp tal-ekonomiji, tad-demokraziji u tas-soċjetajiet b'mod globali. Għalhekk jeħtieġ li l-gvernijiet, in-negozji u l-individwi jużaw l-għodod diġitali b'mod responsabbli u filwaqt li jkunu konxji tas-sigurtà. Is-sensibilizzazzjoni u l-iġjene taċ-ċibersigurtà jridu jirfdu t-trasformazzjoni diġitali tal-attivitajiet ta' kuljum.

L-istrateġija l-ġdida tal-UE taċ-Ċibersigurtà fid-Deċennju Diġitali hija komponent ewlieni tat-Tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa²⁷, tal-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa tal-Kummissjoni²⁸, l-Istrateġija tal-Unjoni 2020-2025 għas-Sigurtà tal-UE²⁹, l-Istrateġija Globali tal-Politika Barranija u tas-Sigurtà tal-UE³⁰, u l-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew

²² PwC, The Global State of Information Security 2018; ESI Thoughtlab, The Cybersecurity Imperative, 2019.

²³ L-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, Cybersecurity Skills Development in the EU: The certification of cybersecurity degrees and ENISA's Higher Education Database, December 2019.

²⁴ Skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni (id-Direttiva (UE) 2016/1148) l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu rapport ta' sinteżi annwali lill-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar in-notifiki li jkunu rċeew.

²⁵ Hemm fis-seħħ Proċeduri Operattivi Standard għall-għajjnuna reċiproka fost il-membri tan-Network tal-Iskwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT).

²⁶ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

²⁷ Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa, COM (2020) 67 final.

²⁸ Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss COM(2020) 98 final.

²⁹ L-Istrateġija tal-Unjoni 2020-2025 għas-Sigurtà tal-UE, COM (2020) 605 final.

³⁰ https://eeas.europa.eu/topics/eu-global-strategy_en

2019-2024³¹. Din tistabilixxi kif l-UE se tipproteġi lin-nies, lin-negozji u lill-istituzzjonijiet tagħha mit-theddid kibernetiku, u kif se tavvanza l-kooperazzjoni internazzjonali u tkun minn ta' quddiem biex tiżgura Internet miftuħ u globali.

II. NAĦSBU GLOBALMENT, NAĠIXXU TA' EWROPEJ

Din l-istrateġija għandha l-għan li tiżgura Internet globali u miftuħ b'ilkugh protettivi qawwija biex jiġu indirizzati r-riskji għas-sigurtà u għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tan-nies fl-Ewropa. Wara l-progress li nkiseb bl-istrateġiji preċedenti, din fiha proposti konkreti għall-introduzzjoni ta' **tliet strumenti prinċipali – strument regolatorju, ta' investiment u ta' politika** – biex jiġu indirizzati **tliet oqsma ta' azzjoni tal-UE – (1) ir-reżiljenza, is-sovranià teknoloġika u post ewlieni f'dan il-qasam, (2) il-bini tal-kapaċità operazzjonali għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u r-rispons, u (3) l-avvanz ta' ċiberspazju globali u miftuħ**. L-UE hija impenjata li tappoġġa din l-istrateġija permezz ta' **livell ta' investiment bla preċedent fit-tranżizzjoni diġitali tal-UE matul is-seba' snin li ġejjin** – potenzjalment b'erba' darbiet aktar mil-livelli preċedenti – bħala parti minn politiki teknoloġiċi u industrijali ġodda u l-aġenda ta' rkupru³².

Iċ-ċibersigurtà trid tiġi integrata f'dawn l-investimenti diġitali kollha, b'mod partikolari fit-teknoloġiji ewlenin bħall-Intelliġenza Artifiċjali (IA), il-kriptaġġ u l-computing kwantistiku, bl-użu ta' inċentivi, obbligi u punti ta' riferiment. Dan jista' jstimula t-tkabbir tal-industrija Ewropea taċ-ċibersigurtà u jipprovdi ċ-ċertezza meħtieġa biex titħaffef l-eliminazzjoni gradwali tas-sistemi antiki. Il-Fond Ewropew għad-Difiża (FEŻ) se jappoġġa soluzzjonijiet Ewropej tad-difiża kibernetika, bħala parti mill-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea. Iċ-ċibersigurtà hija inkluża fi strumenti finanzjarji esterni biex tappoġġa lis-sħab tagħna, b'mod partikolari l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. Il-prevenzjoni tal-abbuż tat-teknoloġiji, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u l-iżgurar tal-integrità tal-ktajjen tal-provvista jippermettu wkoll l-adeżjoni tal-UE man-normi, mar-regoli u mal-prinċipji tan-NU ta' mġiba responsabbli tal-istati³³.

1. REŻILJENZA, SOVRANITÀ TEKNOLOĠIKA U TMEXXIJA F'DAN IL-QASAM

L-infrastruttura kritika u s-servizzi essenzjali tal-UE qed isiru dejjem aktar interdipendenti u diġitalizzati. L-oġġetti kollha konnessi mal-Internet fl-UE, kemm jekk ikunu karożżi awtomatizzati, sistemi ta' kontroll industrijali kif ukoll jekk ikunu apparati domestiċi, u l-ktajjen tal-provvista kollha li jagħmluhom disponibbli, jeħtieġ li jkunu sikuri fid-disinn, reżiljenti għal inċidenti kibernetiċi, u msewwija malajr meta jinsabu l-vulnerabbiltajiet. Dan huwa fundamentali biex is-settur privat u pubbliku tal-UE jingħata l-possibbiltà li jagħżel minn fost l-aktar infrastrutturi u servizzi sikuri. Id-deċennju li ġej huwa l-opportunità tal-UE li tkun minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' teknoloġiji siguri tul il-katina tal-provvista kollha. L-

³¹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2019/06/20/a-new-strategic-agenda-2019-2024/>

³²L-investimenti fil-katina tal-provvista tat-teknoloġija diġitali kollha, li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha, jenħtieġ li jammontaw għal mill-inqas 20 % - ekwivalenti għal EUR 134,5 biljun - tas-EUR 672,5 biljun tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li tikkonsisti minn għotjiet u self. Il-finanzjament tal-UE fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 huwa previst għaċ-ċibersigurtà taħt il-Programm Ewropa Diġitali, u għar-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà taħt l-Orizzont Ewropa, b'enfasi speċjali fuq l-appoġġ għall-SMEs, jista' jammonta għal EUR 2 biljun b'mod ġenerali, flimkien mal-investimenti tal-Istati Membri u tal-industrija.

³³ <https://undocs.org/A/70/174>

iżgurar ta' reżiljenza u kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi aktar b'saħħithom fiċ-ċibersigurtà jenħtieġu l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti regolatorji, ta' investiment u ta' politika kollha meħtieġa. Iċ-ċibersigurtà sa mit-tfassil għall-proċessi, għall-operazzjonijiet u għall-apparati industrijali tista' tnaqqas ir-riskji, potenzjalment tnaqqas l-ispejjeż għall-kumpaniji kif ukoll għas-soċjetà aktar ġenerali, u b'hekk iżżid ir-reżiljenza.

1.1 Infrastruttura u servizzi kritiċi reżiljenti

Ir-regoli tal-UE dwar is-sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni (NIS) huma l-qofol tas-Suq Uniku għaċ-ċibersigurtà. Il-Kummissjoni tipproponi li tirriforma dawn ir-regoli skont id-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-infommazzjoni riveduta biex iżżid il-livell tar-reżiljenza ċibernetika tas-setturi rilevanti kollha, **pubbliċi u privati, li jaqdu funzjoni importanti għall-ekonomija u għas-soċjetà**³⁴. Ir-rieżami huwa meħtieġ biex jitnaqqsu l-inkonsistenzi fis-suq intern billi jiġu allinjati l-kamp ta' applikazzjoni, ir-rekwiżiti tas-sigurtà u tar-rappurtar tal-inċidenti, is-superviżjoni u l-infurzar nazzjonali u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti.

Id-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-infommazzjoni riformata se tipprovdi l-bażi għal regoli aktar speċifiċi li huma meħtieġa wkoll għal setturi li huma importanti strateġikament, fosthom l-enerġija, it-trasport u s-saħħa. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti kif tħabbar fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025, id-Direttiva riformata hija proposta flimkien ma' rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika³⁵. It-teknoloġiji tal-enerġija b'komponenti diġitali integrati u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista assoċjati huma importanti għall-kontinwità tas-servizzi essenzjali u għall-kontroll strateġiku tal-infrastruttura kritika tal-enerġija. Għalhekk, il-Kummissjoni se tipproponi miżuri, fosthom "kodiċi tan-network" li jistabbilixxi regoli għaċ-ċibersigurtà fil-flussi transkonfinali tal-elettriku għall-adozzjoni sa tmiem l-2022. Is-settur finanzjarju għandu jsaħħaħ ukoll ir-reżiljenza funzjonali diġitali u jiżgura l-kapaċità li jirreżisti kull tip ta' tfixkil u theddid relatat mal-ICT, kif ipproponiet il-Kummissjoni³⁶. Fit-trasport, il-Kummissjoni żiedet dispożizzjonijiet dwar iċ-ċibersigurtà³⁷ mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni u se tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika fil-modi kollha tat-trasport. It-tiżiż tar-reżiljenza ċibernetika **tal-proċessi u tal-istituzzjonijiet demokratiċi** huwa komponent ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea għas-salvagwardja u l-promozzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa, u għad-diskors demokratiku u l-pluralità tal-midja³⁸. Fl-aħħar nett, għas-sigurtà tal-infrastruttura u s-servizzi fil-Programm Spazjali tal-futur, il-Kummissjoni se tkompli tipproċedi bl-approfondiment tal-istrateġija taċ-

³⁴ [insert reference to NIS proposal]

³⁵ [insert reference to proposal for a directive on resilience of critical entities]

³⁶ Proposta għal regolament dwar ir-reżiljenza funzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u għall-emendar tar-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014, COM/2020/595 final.

³⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1583.

³⁸ Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea COM (2020) 790. Skont il-pjan, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet, in-networks elettorali tal-Istati Membri se jappoġġaw l-introduzzjoni ta' timijiet konġunti ta' esperti biex jaħdmu kontra t-theddid - inkluż it-theddid ċibernetiku - għall-proċessi elettorali; https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/eu-citizenship/electoral-rights/european-cooperation-network-elections_en

ċibersigurtà Galileo għall-ġenerazzjoni li jmiss tas-servizzi tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita, u ta' komponenti ġodda oħra tal-Programm Spazjali³⁹.

1.2 Nibnu Difiża Ċibernetika Ewropea

Bil-firxa tal-konnettività u s-sofistikazzjoni dejjem tikber tal-attakki ċibernetiċi, iċ-Ċentri ta' Kondivizzjoni u tal-Analiżi tal-Infurmazzjoni, jew l-ISACs, iwettqu funzjoni siewja, anki fil-livell settorjali, billi jippermettu l-iskambju ta' infurmazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati dwar it-theddid ċibernetiku⁴⁰. Barra minn hekk, in-networks u s-sistemi kompjuterizzati jeħtieġu monitoraġġ u analiżi kostanti biex jidentifikaw l-intrużjonijiet u l-anomaliji fil-ħin reali. Għalhekk, ħafna kumpaniji privati, organizzazzjonijiet pubbliċi u awtoritajiet nazzjonali waqqfu Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs) u Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà, jew "SOCs".

Iċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà huma kruċjali għall-ġbir ta' log fajls⁴¹ u għall-iżolament ta' avvenimenti suspettużi li jseħħu fin-networks ta' komunikazzjoni li jimmonitorjaw. Dan jagħmluh permezz tal-identifikazzjoni tas-sinjali u tax-xejriet u permezz tal-għarfien ta' kif wieħed jiddistingwi t-theddid minn fost il-kwantitajiet kbar ta' *data* li trid tiġi vvalutata. Dawn għenu biex jiġu identifikati attivitajiet ta' eżegwibbli malizzjużi u b'hekk għenu biex irażżnu l-attakki ċibernetiċi. Ix-xogħol meħtieġ f'dawn iċ-ċentri huwa impenjattiv ħafna u rapidu, u għalhekk l-IA, u b'mod partikolari t-tekniki tat-tagħlim awtomatiku, jistgħu jipprovdu appoġġ imprezzabbli għall-prattikanti⁴².

Il-Kummissjoni qed tipproponi li jinbena **network ta' Ċentri tal-Operazzjoni tas-Sigurtà madwar l-UE**⁴³, u li jiġu appoġġati t-titjib taċ-ċentri eżistenti u l-istabbiliment ta' ċentri ġodda. Se tappoġġa wkoll it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet tal-persunal li jħaddem dawn iċ-ċentri. Tista' timpenja ruħha, abbażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet imwettqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u appoġġata mill-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), aktar minn EUR 300 miljun biex tappoġġa l-kooperazzjoni pubblika-privata u transfruntiera fil-ħolqien ta' networks nazzjonali u settorjali, bl-involvement ukoll tal-SMEs, abbażi ta' dispożizzjonijiet xierqa dwar il-governanza, il-kondiviżjoni tad-*data* u s-sigurtà.

L-Istati Membri huma mħeġġa jikkoinvestu f'dan il-proġett. Iċ-ċentri mbaġħad ikunu jistgħu jikkondividu u jikkorrelataw b'mod aktar effiċjenti s-sinjali identifikati u joħolqu intelligence ta' kwalità għolja dwar it-theddid, li tiġi kondiviża maċ-Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Infurmazzjoni u mal-awtoritajiet nazzjonali, u b'hekk jippermettu għarfien tas-sitwazzjoni aktar sħiħ. L-għan ikun li gradwalment jiġu konnessi kemm jista' jkun ċentri madwar l-UE f'fażijiet, biex jinħoloq għarfien kollettiv u jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki. Se jingħata l-appoġġ lil dawn iċ-ċentri biex tittejjeb il-veloċità tad-detezzjoni, tal-analiżi tal-inċidenti u tar-rispons għalihom permezz ta' kapaciċitajiet avvanzati tal-IA u tat-tagħlim awtomatiku,

³⁹Dan jinkludi inizjattiva ġdida dwar il-komunikazzjoni governattiva bis-satellita (GOVSATCOM) u dwar l-Iskart Spazjali (SST)

⁴⁰<https://www.enisa.europa.eu/topics/national-cyber-security-strategies/information-sharing>

⁴¹B'tali mod li l-inforzaturi tal-liġi u l-ġudikatura jkunu jistgħu jużawhom bħala evidenza.

⁴²Sors: sħarriġ minn Ponemon Institute Research, "Improving the Effectiveness of the SOC, 2019"; għal studji dwar l-użu tal-IA fiċ-Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà ara pereżempju: Khraisat, A., Gondal, I., Vamplew, P. *et al.* Survey of intrusion detection systems: techniques, datasets and challenges, *Cybersecur* 2, 20 (2019).

⁴³Se jiġu żviluppanti arranġamenti aktar dettaljati għall-governanza, il-prinċipji tat-tħaddim u l-finanzjament ta' dawn iċ-Ċentri u kif dawn se jikkomplementaw l-istrutturi eżistenti bħall-Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali.

ikkomplementati minn infrastruttura tas-supercomputing żviluppata fl-UE mill-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew⁴⁴.

Permezz ta' kollaborazzjoni u kooperazzjoni sostnuti, dan in-network se jipprovi twissijiet bikrin dwar inċidenti taċ-ċibersigurtà lill-awtoritajiet u lill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluża ċ-Ċiberunità konġunta (ara t-taqsima 2.1). **Dan se jservi bħala difiża reali taċ-ċibersigurtà għall-UE**, u tipprovi xibka solida ta' torrijiet tal-għassa, li jkunu kapaċi jidentifikaw it-theddiet potenzjali qabel ma jkunu jistgħu jikkawżaw ħsara mifruxa.

1.3 Infrastruttura ta' komunikazzjoni ultra sikura

Il-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita tal-Unjoni Ewropea⁴⁵, komponent tal-Programm Spazjali, se tipprovi kapaċitajiet ta' komunikazzjoni sikuri u kosteffiċjenti bbażati fl-ispazju biex tiżgura missjonijiet u operazzjonijiet kritiċi għas-sikurezza u s-sigurtà għestiti mill-UE u l-Istati Membri tagħha, inklużi l-atturi tas-sigurtà nazzjonali u l-korpi u l-aġenziji tal-istituzzjonijiet tal-UE.

L-Istati Membri impenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni biex tiġi introdotta infrastruttura ta' komunikazzjoni kwantistika sikura (QCI) għall-Ewropa⁴⁶. Il-QCI se toffri mod ġdid fjamant lill-awtoritajiet pubbliċi biex jittrażmettu l-informazzjoni kunfidenzjali bl-użu ta' forma ta' kriptaġġ ultra sikura li timblokka l-attakki ċibernetiċi, mibnija bit-teknoloġija Ewropea. Se jkollu żewġ komponenti ewlenin: networks ta' komunikazzjoni tal-fibra terrestri eżistenti li jgħaqqdu s-siti strateġiċi fil-livelli nazzjonali u transkonfinali; u satelliti spazjali konnessi li jkopru l-UE kollha, inklużi t-territorji extra-Ewropej tagħha⁴⁷. Din l-inizjattiva biex jiġu żviluppata u jibdew jintużaw forom ġodda u aktar sikuri ta' kriptaġġ, u biex jitfasslu modi ġodda ta' protezzjoni tal-komunikazzjoni kritika u tal-assi tad-data, tista' tgħin biex l-informazzjoni sensitiva, u b'hekk l-infrastrutturi kritiċi, jinżammu sikuri.

B'dan il-perspettiv, u aktar 'il quddiem, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tibda tintuża sistema ta' konnettività sikura multiorbitali. Filwaqt li tkompli tibni fuq il-GOVSATCOM u l-QCI, din tintegra teknoloġiji mill-aktar avvanzati (il-Kwantistika, il-5G, l-IA, l-edge computing) filwaqt li tikkonforma mal-qafas taċ-ċibersigurtà l-aktar restrittiv sabiex jiġu appoġġati servizzi sikuri sa mit-tfassil bħal konnettività affidabbli, sigura u kosteffettiva u komunikazzjoni kripta data għall-attivitàjiet governattivi kritiċi.

⁴⁴<https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/eurohpc-joint-undertaking>

⁴⁵GOVSATCOM huwa komponent tal-Programm Spazjali tal-Unjoni

⁴⁶Id-dikjarazzjoni dwar il-EuroQCI ġiet iffirmata mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-iżvilupp u t-tnedija tal-infrastruttura se jsiru bejn l-2021 u l-2027, b'finanzjament minn Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u l-Aġenzija Spazjali Ewropea, soġġett għal arranġamenti ta' governanza xierqa; <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/future-quantum-eu-countries-plan-ultra-secure-communication-network>

⁴⁷L-iżvilupp ta' komponent spazjali huwa meħtieġ biex jinkisbu konnessjonijiet minn punt għal punt fuq distanza twila (> 1000 km) li ma tistax tappoġġahom l-infrastruttura bbażata fuq l-art. Il-QCI inizjalment se tippermetti lill-partijiet jaqsmu b'mod sikur il-kjavi sigrieti każwali li jridu jintużaw għall-kriptaġġ u d-dekriptaġġ tal-messaġġi billi tisfrutta l-proprietajiet tal-mekkanika kwantistika. Barra minn hekk se tinkorpora l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-ittestjar u tal-konformità, għall-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat u s-sistemi tal-komunikazzjoni kwantistiċi Ewropej mal-infrastruttura tal-QCI, u taċ-ċertifikazzjoni u l-validazzjoni tagħhom qabel ma jiġu integrati fil-QCI. Se titfassal b'mod li tkun tappoġġa applikazzjonijiet addizzjonali hekk kif jilhq u l-livell ta' maturità teknoloġika meħtieġ. Il-proġett pilota OpenQKD attwali (<https://openqkd.eu/>) huwa prekursor ta' din l-infrastruttura ta' ttestjar u konformità.

1.4 L-iżgurar tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' networks mobbli tal-broadband

Iċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-UE li jużaw applikazzjonijiet avvanzati u innovattivi permezz tal-5G u ġenerazzjonijiet futuri ta' networks jenħtieġ li jibbenefikaw mill-ogħla standard ta' sigurtà. L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni u bl-appoġġ tal-ENISA, bis-Sett ta' Għodod tal-5G tal-UE⁴⁸ ta' Jannar 2020 stabbilixxew approċċ komprensiv u oġġettiv ibbażat fuq ir-riskju għaċ-ċibersigurtà tal-5G li jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-pjanijiet possibbli għall-mitigazzjoni u fuq l-identifikazzjoni tal-aktar miżuri effettivi. Barra minn hekk, l-UE qed tikkonsolida l-kapaċitajiet tagħha tal-5G u lil hinn minnha biex tevita d-dipendenzi u trawwem katina tal-provvista sostenibbli u diversa.

F'Diċembru tal-2020, il-Kummissjoni ppubblikat rapport dwar l-impatti tar-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Marzu 2019 dwar iċ-Ċibersigurtà tan-networks 5G⁴⁹. Dan wera li sar progress konsiderevoli minn meta ntlaħaq qbil dwar is-Sett ta' Għodod, u li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jinsabu fit-triq it-tajba biex ilestu parti sinifikanti mill-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod fil-futur qrib, għalkemm b'xi varjazzjonijiet u xi lakuni pendenti kif diġà ġie identifikat fir-rapport ta' Progress ippubblikat f'Lulju 2020⁵⁰.

F'Ottubru tal-2020, il-Kunsill Ewropew appella lill-UE u lill-Istati Membri “biex jagħmlu użu sħiħ mis-sett ta' għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G” u “fil-każ tal-assi ewlenin ddefiniti bħala kritiċi u sensitivi fil-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-UE, japplikaw ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-fornituri ta' riskju għoli, abbażi ta' kriterji oġġettivi komuni”⁵¹.

Fil-ġejjieni, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw li r-riskji identifikati jkunu tnaqqsu sew u b'mod ikkoordinat, speċjalment fir-rigward tal-oġġettiv li jitnaqqas kemm jista' jkun l-esponiment għall-fornituri b'riskju għoli, u li tiġi evitata d-dipendenza fuq dawn il-fornituri fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u li jitqies kull żvilupp jew riskju sinifikanti ġdid. L-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu użu sħiħ mis-Sett ta' Għodod fl-investimenti tagħhom fil-kapaċitajiet diġitali u fil-konnettività.

Abbażi tar-rapport tal-impatti tar-Rakkomandazzjoni tal-2019, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-ħidma lejn it-tlestija tal-implimentazzjoni tal-miżuri ewlenin tas-Sett ta' Għodod sat-tieni trimestru tal-2021. Hija tappella wkoll lill-Istati Membri biex flimkien ikomplu jimmonitorjaw il-progress li jkun sar u jiżguraw li jkun hemm allinjament aħjar tal-approċċi. Fil-livell tal-UE, se jiġu segwiti tliet oġġettivi ewlenin biex jiġi appoġġat dan il-proċess: l-iżgurar ta' aktar konverġenza fl-approċċi tal-mitigazzjoni tar-riskji madwar l-UE, l-appoġġ għall-iskambju kontinwu tal-għarfien u għall-bini tal-kapaċità, u l-promozzjoni tar-reżiljenza tal-katina tal-provvista u oġġettivi strateġiċi oħra tas-sigurtà tal-UE. Fl-Anness iddedikat ta' din il-Komunikazzjoni hemm stabbiliti l-azzjonijiet konkreti relatati ma' dawn l-oġġettivi ewlenin.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tissodisfa dawn l-għanijiet u l-azzjonijiet bl-appoġġ tal-ENISA (ara l-Anness).

⁴⁸Il-Komunikazzjoni dwar l-Introduzzjoni sikura tal-5G fl-UE - Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE, COM(2020) 50.

⁴⁹Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2020 dwar l-impatti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2019 dwar iċ-Ċibersigurtà tan-networks 5G.

⁵⁰Ir-Rapport tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni tal-24 ta' Lulju 2020, dwar l-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod.

⁵¹EUCO 13/20, Laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew (1 u 2 ta' Ottubru 2020) – Konklużjonijiet.

Barra minn hekk, l-approċċ tas-Sett ta' Għodod 5G tal-UE qajjem interess f'pajjiżi mhux tal-UE li bħalissa qed jiżviluppaw l-approċċi tagħhom biex jagħmlu n-networks ta' komunikazzjoni tagħhom sikuri. Is-servizzi tal-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u n-network tad-delegazzjonijiet tal-UE, hija lesta li tipprova informazzjoni addizzjonali dwar l-approċċ komprensiv, oġġettiv u bbażat fuq ir-riskju tagħha lill-awtoritajiet madwar id-dinja, malli dawn jitolbuha.

1.5 *Internet ta' Oġġetti Sikuri*

Kull ħaġa konnessa għandha l-vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati, b'ramifikazzjonijiet potenzjalment mifruxa. Ir-regoli tas-Suq Intern jinkludu salvagwardji kontra prodotti u servizzi mhux sikuri. Il-Kummissjoni diġà qed taħdem biex tiżgura **soluzzjonijiet u ċertifikazzjoni tas-sigurtà trasparenti skont l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà** u biex tinċentiva prodotti u servizzi sikuri mingħajr ma tikkomprometti l-prestazzjoni⁵². Hija se tadotta l-ewwel Programm ta' Ħidma Kontinwu tal-Unjoni fl-ewwel trimestru tal-2021 (li se jiġi aġġornat mill-inqas darba kull tliet snin) biex l-industrija, l-awtoritajiet nazzjonali u l-korpi tal-istandardizzazzjoni jkunu jistgħu jitħejjew minn qabel għal skemi Ewropej futuri taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà⁵³. Hekk kif l-Internet tal-Oġġetti jikber u jinxtred rapidament, ir-regoli infurzabbli jeħtieġu tisħiħ, kemm biex tiġi żgurata r-reżiljenza ġenerali kif ukoll biex tingħata spinta liċ-ċibersigurtà.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra approċċ komprensiv, li jinkludi l-possibbiltà ta' **regoli orizzontali ġodda, biex tittejjeb iċ-ċibersigurtà tal-prodotti konnessi u tas-servizzi assoċjati kollha li jitqiegħdu fis-Suq Intern**⁵⁴. Tali regoli jistgħu jinkludu **dover ta' diliġenza ġdid għall-manifatturi ta' apparati konnessi** biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet tas-software. Dan jinkludi li jkomplu jaġġornaw is-software u s-sigurtà tul il-ħajja tal-apparati u fi tmiem il-ħajja, jiżguraw li titħassar id-*data* personali u *data* sensitiva oħra. Dawn ir-regoli jirrinforzaw l-inizjattiva tad-“dritt għat-tiswija ta' software skadut” ppreżentata fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari, u jikkomplementaw il-miżuri li qed isiru li jindirizzaw tipi speċifiċi ta' prodotti, bħalma huma r-rekwiżiti obbligatorji li se jiġu proposti biex jiddaħħlu fis-suq ċerti prodotti ta' bla fili (permezz tal-adozzjoni ta' att delegat skont id-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju⁵⁵), u l-oġġettiv li jiġu implimentati regoli ta' ċibersigurtà għall-vetturi bil-mutur ġodda ta' kull tip sa minn Lulju tal-2022⁵⁶. Barra minn hekk, dawn

⁵²Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) L-att dwar iċ-Ċibersigurtà jippromwovi ċ-ċertifikazzjoni tal-ICT fil-livell tal-UE, b'Qafas Ewropew taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà għall-istabbiliment ta' skemi Ewropej volontarji taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bil-għan li jiġi żgurat livell xieraq ta' ċibersigurtà għall-prodotti, għas-servizzi u għall-proċessi tal-ICT fl-Unjoni, kif ukoll biex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq intern fir-rigward tal-iskemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. B'mod korrispondenti, il-kumpaniji tal-“klassifikazzjoni” taċ-ċibersigurtà għandhom it-tendenza li jkunu bbażati barra mill-UE, bi trasparenza u sorveljanza limitati; <https://www.uschamber.com/issue-brief/principles-fair-and-accurate-security-ratings>

⁵³Meħtieġ mill-Artikolu 47(5) tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà.

⁵⁴Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jappellaw għal miżuri orizzontali dwar iċ-ċibersigurtà ta' apparati konnessi; 13629/20, it-2 ta' Diċembru 2020.

⁵⁵Id-Direttiva 2014/53/UE

⁵⁶Isegwi r-Regolament tan-NU adottat f'Ġunju tal-2020; <http://www.unece.org/fileadmin/DAM/trans/doc/2020/wp29grva/ECE-TRANS-WP29-2020-079-Revised.pdf>

ikomplu jibnu fuq ir-reviżjoni proposta tar-regoli ġenerali dwar is-sikurezza tal-prodotti, li ma jindirizzawx direttament l-aspetti taċ-čibersigurtà⁵⁷.

1.6 Aktar Sigurtà fl-Internet b'mod Ġenerali

Il-funzjonalità u l-integrità tal-Internet madwar id-dinja huma żgurati minn sett ta' protokollu ewlenin u mill-infrastruttura ta' appoġġ⁵⁸. Dan is-sett jinkludi d-DNS u s-sistema ġerarkika u delegata ta' żoni, li tibda, fil-quċċata tal-ġerarkija, bir-root zone u t-tlettax-il root server tad-DNS⁵⁹ li minnhom jiddependi l-World Wide Web. Il-Kummissjoni biħsiebha tiżviluppa **pjan ta' kontinġenza, appoġġat mill-finanzjament tal-UE, biex jiġu indirizzati xenarji estremi li jaffettwaw l-integrità u d-disponibbiltà tas-sistema globali tad-DNS**. Se taħdem mal-ENISA, mal-Istati Membri, maż-żewġ operaturi tar-root server tad-DNS⁶⁰ tal-UE u l-komunità tad-diversi partijiet ikkonċernati, biex tivvaluta r-rwol ta' dawn l-operaturi biex jiggarrantixxu li l-Internet jibqa' aċessibbli globalment fiċ-ċirkostanzi kollha.

Biex klijent ikollu aċess għal riżorsa taħt isem ta' dominju partikolari fuq l-Internet, it-talba tiegħu (tipikament għal Lokalizzatur Uniformi tar-Riżorsi, jew URL) jeħtieġ li tiġi tradotta jew "riżolta" f'indirizz IP, b'referenza għas-servers tal-ismijiet tad-DNS. Madankollu, in-nies u l-organizzazzjonijiet fl-UE jiddependu dejjem aktar minn għadd żgħir ta' riżolvaturi tad-DNS pubbliċi mħaddma minn entitajiet mhux tal-UE. Din il-konsolidazzjoni tar-riżoluzzjoni tad-DNS f'idejn għadd żgħir ta' kumpaniji⁶¹ tirrendi l-proċess ta' riżoluzzjoni stess vulnerabbli f'każ li jkun hemm xi avvenimenti sinifikanti li jaffettwaw fornitur ewlieni wieħed, u tagħmilha aktar diffiċi għall-awtoritajiet tal-UE biex jindirizzaw attacchi ċibernetiċi malizzjużi possibbli u inċidenti ġeopolitiċi u tekniċi kbar⁶².

Bil-ħsieb li jitnaqqsu l-kwistjonijiet ta' sigurtà relatati mal-konċentrazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati rilevanti inklużi l-kumpaniji tal-UE, il-Fornituri tas-Servizz tal-Internet u l-bejjiegħa tal-brawżers biex jadottaw strateġija ta' diversifikazzjoni tar-riżoluzzjoni tad-DNS. Il-Kummissjoni biħsiebha wkoll tikkontribwixxi biex tiżgura l-konnettività tal-Internet billi tappoġġa l-iżvilupp ta' **servizz pubbliku Ewropew ta' riżolvatur tad-DNS**. Din l-inizjattiva "DNS4EU" se toffri servizz alternattiv Ewropew għall-aċess tal-Internet globali. Id-DNS4EU se jkun trasparenti, jikkonforma mas-sigurtà mal-protezzjoni tad-*data* u mal-privatezza sa mit-tfassil l-aktar riċenti, u b'mod

⁵⁷Reviżjoni tar-regoli attwali dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (id-Direttiva 2001/95/KE); ir-regoli adattati proposti huma pjanati wkoll dwar ir-responsabbiltà tal-produtturi fil-kuntest diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas regolatorju tar-responsabbiltà tal-UE.

⁵⁸"Il-qalba pubblika tal-internet miftuħ, jiġifieri l-protokollu u l-infrastruttura ewlenin tiegħu, li huma ġid pubbliku globali, tippovdi l-funzjonalità essenzjali tal-internet kollu kemm hu u tinfed it-tħaddim normali tiegħu. Jenħtieġ li l-ENISA tappoġġa s-sigurtà tal-qalba pubblika tal-internet miftuħ u l-istabbiltà tal-funzjonament tiegħu, dan jinkludi, iżda mhux limitat għalihom, il-protokollu ewlenin (b'mod partikolari d-DNS, il-BGP, u l-IPv6), it-tħaddim tas-sistema tal-ismijiet tad-dominju (bħat-tħaddim tad-dominji tal-ogħla livell kollha), u t-tħaddim tar-root zone"; Il-Premessa 23 tal-Att dwar iċ-ċibersigurtà.

⁵⁹<https://www.iana.org/domains/root/servers>

⁶⁰L-i.root servers imħaddmin minn Netnod fl-Iżvezja u l-k.root servers imħaddmin minn RIPE NCC fin-Netherlands.

⁶¹Consolidation in the DNS resolver market – how much, how fast how dangerous? (<https://www.tandfonline.com/doi/full/10.1080/23738871.2020.1722191>), Evidence of decreasing Internet entropy – the lack of redundancy in DNS resolution by major websites and services (https://dash.harvard.edu/bitstream/handle/1/35979525/DNS_NBER_Working_Paper.pdf)

⁶²Tezisti wkoll evidenza li turi li d-*data* tad-DNS tista' tintuża għal skopijiet ta' tfassil ta' profili, b'impatt fuq id-drittijiet tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-*data*.

awtomatiku ma' standards u regoli, u jiffirma parti mill-Alleanza Ewropea għad-Data u għall-Clouds Industrijali⁶³.

Flimkien mal-Istati Membri u l-industrija, il-Kummissjoni se **tħaffef ukoll l-adozzjoni ta' standards ewlenin tal-internet fosthom l-IPv6⁶⁴ u standards tas-sigurtà tal-internet stabbiliti sew u prattiki tajba għad-DNS, għar-routing u għas-sigurtà tal-posta elettronika⁶⁵**, mingħajr ma teskludi miżuri regolatorji bħal klawżola ta' estinzjoni Ewropea għall-IPv4 biex tidderieġi s-suq jekk ma jkunx hemm biżżejjed progress lejn l-adozzjoni tagħhom. Jenħtieġ li L-UE tippromwovi (bħal pereżempju bl-Istrateġija UE-Afrika⁶⁶) l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards f'pajjiżi sħab bħala mod kif tappoġġa l-iżvilupp tal-Internet globali u miftuħ, u biex taħdem kontra mudelli tal-Internet magħluqin u bbażati fuq il-kontroll. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ħtieġa ta' mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-ġbir ta' data aggregata aktar sistematiċi dwar it-traffiku tal-Internet, u biex tagħti l-pariri dwar it-tfiġkil potenzjali⁶⁷.

1.7 *Preżenza rinforzata fil-katina tal-provvista*

Bl-appoġġ finanzjarju ppjanat tagħha għat-trasformazzjoni diġitali ċibersikura matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-2021-2027, l-UE għandha l-opportunità unika li tiġbor l-assi tagħha biex tmexxi l-Istrateġija tal-Industrija⁶⁸ u t-tmexxija tagħha fit-teknoloġiji diġitali u fiċ-ċibersigurtà tul il-katina tal-provvista diġitali (inklużi d-data u l-cloud, it-teknoloġiji tal-proċessuri tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-konnettività ultra sikura u n-networks 6G), konformi mal-valuri u l-prijoritajiet tagħha. L-intervent tas-settur pubbliku għandu jiddependi mill-għodod li jipprovdu l-qafas regolatorju tal-akkwisti pubbliċi tal-UE u l-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni. Lil hinn minn dan, tista' tiftaħ l-investimenti privati permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati (anki billi tibni fuq l-esperjenza tas-sħubija pubblika-privata kuntrattwali dwar iċ-ċibersigurtà u tal-implimentazzjoni tagħha permezz tal-Organizzazzjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà), permezz tal-kapital ta' riskju b'appoġġ għall-SMEs, jew permezz ta' alleanzi industrijali u strateġiji dwar il-kapaċitajiet teknoloġiċi.

Se ssir enfasi speċjali wkoll fuq l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku⁶⁹ u fuq l-aħjar użu tal-aħħar għodod taċ-ċibersigurtà mill-SMEs - speċjalment dawk li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni riveduta - inkluż permezz ta' attivitajiet dedikati taħt iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali fil-Programm Ewropa Diġitali. L-objettiv huwa li jiġi skattat ammont simili ta' investimenti mill-Istati Membri, li għandu jitqabbel mill-industrija fil-qafas ta' sħubija koregolata mal-Istati Membri fiċ-**Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta'**

⁶³Dikjarazzjoni konġunta: Il-bini tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss għan-negozji u s-settur pubbliku fl-UE; <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/towards-next-generation-cloud-europe>

⁶⁴L-introduzzjoni tal-IPv6 hija aktar avvanzata issa minħabba l-eżawriment sever fil-provvista ta' indirizzi IPv4 u ż-żieda fil-prezz tagħhom. Madankollu, l-użu tal-IPv6 huwa irregolari madwar l-UE.

⁶⁵Dawn l-istandards jinkludu d-DNSSEC, l-HTTPS, id-DNS over HTTPS (DoH), id-DNS over TLS (DoT), l-SPF, id-DKIM, id-DMARC, is-STARTTLS, id-DANE u normi u prattiki tajbin ta' routing eż. Normi Miftiehma Reċiprokament għas-Sigurtà tar-Router (MANRS).

⁶⁶Il-Komunikazzjoni Konġunta Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika, 9.3.2020 JOIN(2020) 4 final.

⁶⁷Tali "Osservatorju tal-Internet" jista' jkun fl-ambitu tal-attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà; Proposta għal Regolament li jstabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, COM(2018) 630 final.

⁶⁸Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, COM/2020/102 final.

⁶⁹<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:0409:FIN> .

Koordinazzjoni (CCCN) proposti. Jenħtieġ li s-CCCN ikollhom rwol ewlieni, b'input mill-komunitajiet industrijali u akkademiċi, fl-iżvilupp tas-sovranità teknoloġika tal-UE fiċ-ċibersigurtà, fil-bini tal-kapaċità biex jiġu żgurati infrastrutturi sensitivi bħall-5G, u fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq partijiet oħra tad-dinja għat-teknoloġiji l-aktar kruċjali.

Il-Kummissjoni biħsiebha tappoġġa, potenzjalment permezz tas-CCCN, l-iżvilupp ta' programm iddedikat għall-Masters fiċ-ċibersigurtà, u tikkontribwixxi għal Pjan Direzzjonali Ewropew komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-qasam taċ-Ċibersigurtà wara l-2020. L-investimenti permezz tas-CCCN jibnu wkoll fuq il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp imwettqa minn networks ta' ċentri ta' eċċellenza taċ-ċibersigurtà, li jlaqqgħu flimkien l-aqwa timijiet ta' riċerka tal-Ewropa mal-industrija biex ifasslu u jimplimentaw aġendi ta' riċerka komuni, f'konformità mal-pjan direzzjonali tal-Organizzazzjoni Ewropea taċ-Ċibersigurtà⁷⁰. Il-Kummissjoni se tkompli tiddependi mix-xogħol ta' riċerka li sar mill-ENISA u mill-Europol, u bħala parti minn Orizzont Ewropa se tkompli tappoġġa wkoll lill-innovaturi individwali tal-Internet li jiżviluppaw teknoloġiji tal-komunikazzjoni sikuri u li jtejbju l-privatezza bbażati fuq software u hardware b'sorsi miftuħa, kif hemm bħalissa fil-qafas tal-inizjattiva tal-Internet tal-Ġenerazzjoni li Jmiss.

1.8 Forza tax-xogħol tal-UE b'ħiliet ċibernetiċi

L-isforzi tal-UE biex ittejjeb il-ħiliet tal-forza tax-xogħol, biex tattira u żżomm l-aqwa talent fiċ-ċibersigurtà u biex tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni ta' klassi dinjija, huma komponent importanti fil-protezzjoni kontra t-theddid ċibernetiku b'mod ġenerali. Dan il-qasam joffri potenzjal kbir. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni speċifika għall-iżvilupp, l-attrazzjoni u ż-żamma ta' talent aktar varjat. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali Rivedut se jqajjem is-sensibilizzazzjoni għaċ-ċibersigurtà fost l-individwi, speċjalment fost it-tfal u ż-żgħażaġh, u l-organizzazzjonijiet, speċjalment l-SMEs⁷¹. Se jħeġġeġ ukoll il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-edukazzjoni tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (“STEM”) u fl-impjiegi fl-ICT, fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, flimkien mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-UE fil-Europol, mal-ENISA, mal-Istati Membri u mas-settur privat, se tiżviluppa għodod ta' sensibilizzazzjoni u gwida biex iżżid ir-reżiljenza tan-negozji tal-UE **kontra s-serq tal-proprjetà intellettuali ffaċilitat miċ-ċibernetika**⁷².

L-edukazzjoni – inklużi l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV), is-sensibilizzazzjoni u l-eżerċizzji jenħtieġ ukoll li jkomplu jżidu l-ħiliet taċ-ċibersigurtà u tad-difiża ċibernetika fil-livell tal-UE. Għal dan il-għan, l-atturi rilevanti tal-UE bħall-ENISA, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD)⁷³ għandhom ifittxu s-sinerġiji bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom.

Inizjattivi strateġiċi

L-UE għandha tiżgura:

- L-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni

⁷⁰<https://ecs-org.eu/working-groups/wg6-sria-and-cyber-security-technologies>

⁷¹https://ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/digital-education-action-plan_mt

⁷²https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_2187

⁷³Permezz tal-Pjattaforma għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, l-Evalwazzjoni u l-Eżerċizzju fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ETEE).

riveduta;

- Miżuri regolatorji favur Internet tal-Oġġetti Sikuri
- Biex jilħaq sa EUR 4,5 biljun f'investimenti pubbliċi u privati matul l-2021 sal-2027, permezz tal-investment tas-CCCN fiċ-ċibersigurtà (b'mod partikolari permezz tal-Programm Ewropa Diġitali, tal-Orizzont Ewropa u tal-faċilità ta' rkupru);
- Network tal-UE ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà li ffaċilitati bl-IA u infrastruttura tal-komunikazzjoni ultrasikura li tuża t-teknoloġiji kwantistiċi;
- L-adozzjoni mifruxa tat-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà permezz ta' appoġġ iddedikat lill-SMEs fil-qafas tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali;
- L-iżvilupp ta' servizz ta' riżolvatur tad-DNS tal-UE b'ħala alternattiva sikura u miftuħa għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-amministrazzjoni pubblika tal-UE biex jaċċessaw l-Internet; u
- It-tlestija tal-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod 5G sat-tieni trimestru tal-2021 (ara l-Anness).

2. IL-BINI TAL-KAPAĊITÀ OPERAZZJONALI GĦALL-PREVENZJONI, L-ISKORAĠĠIMENT, U R-RISPONS

L-inċidenti ċibernetiċi, kemm jekk ikunu aċċidentali kif ukoll jekk ikunu azzjonijiet magħmulin apposta minn kriminali, minn stati jew minn atturi mhux statali oħrajn, jistgħu jikkawżaw ħsara enormi. Il-firxa u l-komplessità tagħhom, li spiss jinvolvu l-isfruttament ta' servizzi, hardware u software ta' partijiet terzi biex jikkompromettu l-mira finali tagħhom, jirrendu l-ambjent ta' theddid kollettiv tal-UE diffiċli biex jiġi miġġieled mingħajr il-kondiviżjoni sistematika u komprensiva tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni f'rispons komuni. L-UE għandha l-għan li **permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-għodod regolatorji, tal-mobilizzazzjoni u tal-kooperazzjoni** tappoġġa lill-Istati Membri fid-difiża taċ-ċittadini tagħhom, kif ukoll tal-interessi ekonomiċi u tas-sigurtà nazzjonali tagħhom, b'rispett sħiħ għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Diversi komunitajiet, magħmula minn networks, minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, kif ukoll minn awtoritajiet tal-Istati Membri, huma responsabbli mill-prevenzjoni, l-iskoraġġiment, u r-rispons għat-theddid ċibernetiku, bl-użu tal-istrumenti u l-inizjattivi rispettivi tagħhom⁷⁴. Dawn il-komunitajiet jinkludu: (i) l-awtoritajiet tas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni, bħall-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters, u r-rispons għad-diżastri; (ii) l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji; (iii) id-diplomazija ċibernetika; u (iv) id-difiża ċibernetika.

⁷⁴Fosthom l-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) għall-kooperazzjoni operattiva u għall-ġestjoni tal-kriżijiet; in-network tal-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters; in-network tal-Organizzazzjoni ta' Kollegament dwar il-Kriżijiet Ċibernetiċi (CyCLONe, li se jsir EU-CyCLONe kif propost skont id-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni riveduta); il-Grupp ta' Kooperazzjoni tas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni "resceEU"; iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u t-Task Force Konġunt għall-Azzjoni kontra ċ-Ċiberkriminalità fil-Europol u l-Protokoll ta' Rispons f'Emerġenza għall-Infurzar tal-Liġi; iċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (EU INTCEN) u s-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija; il-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC); il-proġetti ċibernetiċi fi ħdan il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), b'mod partikolari t-"Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fis-Sigurtà Ċibernetika" (CRRT).

2.1 Unità Ċibernetika Konġunta

Unità Ċibernetika Konġunta tkun isservi bħala pjattaforma virtwali u fiżika għall-kooperazzjoni għall-komunitajiet—diversi taċ-ċibersigurtà fl-UE, b'enfasi fuq il-koordinazzjoni operattiva u teknika kontra inċidenti u theddid ċibernetiċi transkonfinali kbar.

L-unità Ċibernetika Konġunta tkun pass importanti 'l quddiem lejn it-tlestija tal-**qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà**. Kif deskritt fil-Linji Gwida Poliċi tal-President tal-Kummissjoni⁷⁵, jenħtieġ li l-Unità tippermetti lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-UE jagħmlu użu sħiħ mill-istrutturi, ir-riżorsi u l-kapaċitajiet eżistenti u jippromwovu mentalità ta' "**ħtieġa ta' kondiviżjoni**". L-Unità tkun tipprovdi l-mezzi biex jiġi kkonsolidat il-progress li sar s'issa fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2017 dwar rispons ikkoordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà mifruxa ("Pjan iddettaljat")⁷⁶. Din tkun tipprovdi wkoll l-opportunità biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni madwar l-arkitettura tal-pjan iddettaljat u jiġi sfruttat il-progress miksub b' mod partikolari fil-grupp ta' kooperazzjoni tas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u fin-Network CyCLONE.

Dan il-pjan jista' jindirizza **żewġ lakuni ewlenin** li bħalissa qegħdin iżidu l-vulnerabbiltajiet u joħolqu l-ineffċjenzi fir-rispons għal theddid u inċidenti transfruntiera li jaffettwaw lill-Unjoni. L-ewwel nett, **il-komunitajiet** ċivili, diplomatiċi, tal-infurzar tal-liġi u taċ-ċibersigurtà tad-difiża għad m'għandhomx spazju komuni fejn irawmu kooperazzjoni strutturata u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni operattiva u teknika. It-tieni, il-partijiet ikkonċernati rilevanti taċ-ċibersigurtà għad ma rnexxilhomx jisfruttaw il-**potenzjal** sħiħ tal-kooperazzjoni operattiva u tal-għajjnuna reċiproka fin-networks u fil-komunitajiet eżistenti. Dan jinkludi n-nuqqas ta' pjattaforma li tippermetti l-kooperazzjoni operattiva mas-settur privat. Jenħtieġ li l-unità ttejjeb u tħaffef il-koordinazzjoni u tippermetti lill-UE tiffaċċja u ttrrispondi għal inċidenti u kriżijiet ċibernetiċi mifruxin.

L-unità Ċibernetika Konġunta ma tkunx korp addizzjonali, awtonomu, u lanqas ma tkun taffettwa l-kompetenzi u s-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali taċ-ċibersigurtà jew tal-parteċipanti tal-UE. Pjuttost, l-Unità tkun taġixxi bħala garanzija ta' kontinġenza fejn il-parteċipanti jistgħu jużaw l-appoġġ u l-għarfien espert ta' xulxin, speċjalment fil-każ li diversi komunitajiet ċibernetiċi jkunu meħtieġa jaħdmu flimkien mill-qrib. Fl-istess ħin, l-avvenimenti riċenti juru l-ħtieġa li l-UE żżid il-livell ta' ambizzjoni u r-rieda li tiffaċċja x-xenarju u r-realtajiet tat-theddid ċibernetiku. Għalhekk, bħala parti mill-kontribut tagħhom liċ-Ċiberunità konġunta, l-atturi tal-UE (il-Kummissjoni u l-aġenziji u l-korpi tal-UE) se jkunu lesti li jżidu b' mod sinifikanti r-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom biex itejbu t-tnejn u r-reżiljenza tagħhom.

Iċ-Ċiberunità Konġunta se tkun tissodisfa tliet objettivi ewlenin. L-ewwel, se tkun tiżgura **t-tnejn** fil-komunitajiet taċ-ċibersigurtà kollha; it-tieni, permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni se tkun tipprovdi **għarfien** kontinwu u kondiviż tas-sitwazzjoni; it-tielet, se ssaħħaħ **ir-rispons** ikkoordinat u l-irkupru. Biex jinkisbu dawn l-objettivi, jenħtieġ li l-Unità tkompli tibni fuq **pedamenti u għanijiet** iddefiniti ċarament, bħall-garanzija tal-**kondiviżjoni rapida u sikura tal-informazzjoni**, it-tijeb tal-**kooperazzjoni** fost il-parteċipanti, li tinkludi

⁷⁵"Unjoni li tirsisti għal aktar: L-aġenda tiegħi għall-Ewropa", Linji Gwida Poliċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024 mill-kandidat għall-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen.

⁷⁶Ir-Rakkomandazzjoni C (2017) 6100 final tat-13.9.2017, pjan iddettaljat għal Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira.

l-interazzjoni bejn l-Istati Membri u l-entitajiet rilevanti tal-UE, l-istabbiliment ta' **shubji strutturati ma' bażi industrijali fdata** u l-iffaċilitar ta' approċċ ikkoordinat lejn il-**kooperazzjoni ma' sħab esterni**. Sabiex tagħmel dan, abbażi tal-immappjar tal-kapaċitajiet disponibbli fil-livelli nazzjonali u tal-UE, l-Unità tista' tiffaċilita l-iżvilupp ta' qafas ta' kooperazzjoni.

Biex iċ-Ċiberunità Konġunta ssir il-qalba tal-kooperazzjoni operattiva tas-sigurtà ċibernetika tal-UE, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u ma' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti tal-UE, fosthom l-ENISA, CERT-EU u l-Europol, biex jippromwovu **approċċ inkrementali u inklużiv**, bir-rispett kollu tal-kompetenzi u l-mandati ta' kull min hu involut. B'konformità ma' dan l-approċċ, l-Unità tista' tgħin biex ikun hemm aktar kooperazzjoni fost il-kostitwenti ta' komunità ċibernetika speċifika meta dawk il-kostitwenti jqisu li dan ikun meħtieġ.

Qed jiġu proposti erba' passi ewlenin biex tiġi stabbilita ċ-Ċiberunità Konġunta:

- *tiġi ddefinita*, permezz tal-immappjar tal-kapaċitajiet disponibbli fil-livelli nazzjonali u tal-UE;
- *titħejja*, permezz tal-istabbiliment ta' qafas għall-kooperazzjoni u l-ġhajjnuna strutturati;
- *tiġi mmobilizzata*, permezz tal-implimentazzjoni tal-qafas li juża r-riżorsi pprovduti mill-parteċipanti sabiex iċ-Ċiberunità Konġunta ssir funzjonali;
- *titwessa'*, billi tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons ikkoordinat b'input mill-industrija u l-imsieħba.

Infurmata mir-riżultati tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri, u mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE⁷⁷, bl-involviment tar-Rappreżentant Għoli konformement mal-kompetenzi tiegħu, sa Frar tal-2021 il-Kummissjoni se tippreżenta l-proċess, l-istadji importanti u l-iskeda biex **tiġi ddefinita, titħejja, tiġi introdotta u titwessa' ċ-Ċiberunità Konġunta**.

2.2 *Nindirizzaw iċ-ċiberkriminalità*

Id-dipendenza tagħna fuq l-ġhodod online kabbret b'mod esponenzjali l-ambitu fejn jistgħu jattakkaw iċ-ċiberkriminali, u wasslet għal sitwazzjoni fejn l-investigazzjoni ta' kważi kull tip ta' kriminalità għandu komponent diġitali. Barra minn hekk, il-partijiet kbar tas-soċjetà tagħna huma mhedda minn atturi ċibernetiċi u minn dawk li jużaw ġhodod ċibernetiċi biex jippjanaw u jeżegwixxu l-azzjonijiet illegali tagħhom. Għalhekk hemm rabtiet mill-qrib mal-politika ġenerali tas-sigurtà tal-UE, kif rifless fl-elementi ċibernetiċi fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tagħha tal-2020 u fl-Aġenda tal-UE Kontra t-Terroriżmu⁷⁸.

Fattur ewlieni fl-iżgurar taċ-ċibersigurtà huwa l-indirizzar effettiv taċ-ċiberkriminalità: id-deterrenza ma tistax tinkiseb permezz tar-reżiljenza waħedha iżda teħtieġ ukoll l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-trasgressuri. Għalhekk huwa essenzjali li jitrawmu l-

⁷⁷Konsultazzjoni li saret bejn Lulju u Novembru 2020 mal-Istati Membri (inkluż waqt l-eżerċizzju Blue OLEx20 li ġabar flimkien il-kaprijiet tal-awtoritajiet nazzjonali taċ-ċibersigurtà), mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u l-aġenziji tal-UE.

⁷⁸Il-Komunikazzjoni A Counter-Terrorism Agenda for the EU: Anticipate, Prevent, Protect, Respond, 9.12.2020, COM(2020) 795 final.

kooperazzjoni u l-iskambju bejn l-atturi taċ-ċibersigurtà u tal-infurzar tal-liġi. Għaldaqstant, fil-livell tal-UE, l-Europol u l-ENISA diġà bnew kooperazzjoni b'saħħitha fejn organizzaw konferenzi u sessjonijiet ta' ħidma konġunti u pprovdew rapporti konġunti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra dwar it-theddid għaċ-ċibersigurtà u l-isfidi teknoloġiċi. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa dan l-approċċ integrat biex tiżgura rispons koerenti u effettiv, ibbażat fuq stampa komprensiva tal-informazzjoni.

Element importanti ta' dak ir-rispons huwa li l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali jespandu u jtejbju l-kapaċità tal-infurzar tal-liġi biex jinvestigaw iċ-ċiberkriminalità, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u jfittxu l-bilanċ meħtieġ bejn id-drittijiet u l-interessi diversi. L-UE għandha tkun tista' tindirizza ċ-ċiberkriminalità permezz ta' leġislazzjoni implimentata bis-sħiħ li tkun adatta għall-iskop tagħha, b' enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, u fuq l-investigazzjonijiet diġitali, inkluża l-kriminalità fuq id-“darknet”. L-infurzar tal-liġi għandu jkun mgħammar bis-sħiħ għall-investigazzjonijiet diġitali. Għalhekk il-Kummissjoni se tressaq pjan ta' azzjoni biex ittejjeb il-kapaċità diġitali għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, billi tipprovdilhom il-ħiliet u l-għodod meħtieġa. B'mod partikolari, l-Europol se jkompli jiżviluppa r-rwol tiegħu bħala ċentru ta' għarfien espert biex jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità bl-użu taċ-ċibernetika u l-kriminalità li tiddependi miċ-ċibernetika, filwaqt li jikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' standards forensiċi komuni (permezz tal-Laboratorju ta' Innovazzjoni u ċ-Ċentru tal-Europol). Dawn l-attivitajiet kollha jeħtieġu adożzjoni xierqa mill-Istati Membri, li huma mħeġġa jagħmlu użu mill-programmi nazzjonali tal-Fond għas-Sigurtà Interna u jipproponu proġetti b'rispons għal sejħiet għal proposti bħala parti mill-Faċilità Tematika.

Il-Kummissjoni se tuża l-mezzi kollha xierqa, inklużi l-proċedimenti ta' ksur, biex tiżgura li d-Direttiva tal-2013 dwar l-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni⁷⁹ tiġi trasposta u implimentata bis-sħiħ mill-Istati Membri, bil-forniment ta' l-istatistika b'kollox. Din iktar se tkun tista' tipprevjeni l-abbuż tal-ismijiet tad-dominju, anki, fejn rilevanti, id-distribuzzjoni ta' kontenut illegali, u ssegwi d-disponibbiltà ta' *data* preċiża tar-reġistrazzjoni billi tkompli tinvolvi ruħha mal-Korporazzjoni tal-Internet għall-Ismijiet u n-Numri Assenjati (ICANN) u ma' partijiet ikkonċernati oħra fis-sistema ta' governanza tal-internet, b'mod partikolari permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sikurezza Pubblika tal-Kumitat Konsultattiv Governattiv tal-ICANN. Il-proposta fid-Direttiva dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni riveduta għaldaqstant tipprevedi li huwa essenzjali li jinżammu bażijiet tad-*data* akkurati u kompleti tal-ismijiet tad-dominju u tad-*data* tar-reġistrazzjoni, jew id-“*data* WHOIS”, u li jkun hemm aċċess legali għal din id-*data* biex ikunu żgurati s-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza tad-DNS.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem ukoll biex tipprovdi l-mezzi x-xierqa u tiċċara r-regoli għall-kisba tal-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika f'investigazzjonijiet kriminali (meħtieġa f'85 % tal-investigazzjonijiet, fejn 65 % tat-talbiet totali jmorru għand fornituri bbażati f'għurisdizzjoni oħra), billi tiffaċilita l-adożzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti tal-“pakkett ta' evidenza elettronika” u ta' miżuri prattici⁸⁰. L-adożzjoni rapida mill-Parlament

⁷⁹Id-Direttiva 2013/40/UE dwar attacchi kontra sistemi tal-informazzjoni.

⁸⁰COM(2018) 225 u 226; C(2020)2779 final. B'mod partikolari, il-proġett SIRIUS riċentement irċieva finanzjament addizzjonali fil-qafas tal-Istrument ta' Sħubija biex jittejbju l-mezzi għall-kisba tal-aċċess transfruntier legali għall-evidenza elettronika f'investigazzjonijiet kriminali (meħtieġa f'85 % tal-

Ewropew u mill-Kunsill tal-proposti dwar l-evidenza elettronika hija essenzjali biex il-prattikanti jingħataw għodda effiċjenti. L-evidenza elettronika trid tkun tista' tinqara, u għalhekk il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq l-appoġġ għall-kapaċità tal-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-investigazzjonijiet diġitali, inkluż it-trattament tal-kriptaġġ meta dan jinsab f'investigazzjonijiet kriminali filwaqt li tippreserva bis-sħiħ il-funzjoni tagħha li tippoteġi d-drittijiet fundamentali u ċ-ċibersigurtà.

2.3 *Is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija tal-UE*

L-UE ilha tuża **s-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija**⁸¹ tagħha biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi, u tirreaġixxi għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Wara li introduċiet il-qafas legali għal miżuri restrittivi mmirati kontra l-attakki ċibernetiċi f'Mejju 2019⁸², taħt dan ir-reġim, f'Lulju tal-2020, l-UE elenkat sitt individwi u tliet entitajiet responsabbli, jew involuti f'attakki ċibernetiċi li jaffettwaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha⁸³. F'Ottubru tal-2020 ġew elenkati żewġ individwi u korp wieħed oħra⁸⁴. L-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, anki dawk li jixirfu bil-mod il-mod, iridu jiġu indirizzati permezz ta' rispons diplomatiku konġunt effettiv u komprensiv tal-UE, bl-użu tal-firxa sħiħa ta' miżuri disponibbli fil-livell tal-UE.

Rispons diplomatiku konġunt rapidu u effettiv tal-UE jeħtieġ għarfien sod u kondiviż tas-sitwazzjoni u l-abbiltà li titħejja malajr pożizzjoni konġunta tal-UE. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà se jħeġġeġ u jiffaċilita l-istabbiliment ta' **grupp ta' ħidma dwar l-intelligence ċibernetika tal-UE tal-Istati Membri** li jirrisjedi fiċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN) biex imexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni fl-intelligence strateġika dwar it-theddid u l-attivitajiet ċibernetiċi. Din il-ħidma se tkompli tappoġġa l-għarfien tas-sitwazzjonijiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE fuq rispons diplomatiku konġunt. Il-grupp ta' ħidma għandu jinvolti ruħu mal-istrutturi ezistenti⁸⁵, anki, fejn jeħtieġ, dawk li jkopru t-theddida aktar ġenerali ta' interferenza ibrida u barranija, biex jiġbor u jivvaluta l-għarfien tas-sitwazzjonijiet.

Biex isaħħaħ l-abbiltà tal-UE li tipprevjeni, tiskoraġġixxi, u tirreaġixxi għal imġiba malizzjuża fiċ-ċiberspazju, ir-Rappreżentant Għoli, bl-involviment tal-Kummissjoni

investigazzjonijiet dwar reati serji, fejn 65 % tat-talbiet totali jmorru għand fornituri bbażati f'ġurisdizzjoni oħra), u biex jiġu stabbiliti regoli kompatibbli fil-livell internazzjonali.

⁸¹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/06/19/cyber-diplomacy-toolbox/>

⁸² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 13). u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796

tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 1).

⁸³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1127 tat-30 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ST/9564/2020/INIT) (ĠU L 246, 30.7.2020, p. 12-17); u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1125 tat-30 ta' Lulju 2020 li jimplementa r-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ST/9568/2020/INIT) (ĠU L 246, 30.7.2020, p. 4-9).

⁸⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1537 tat-22 ta' Ottubru 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 351I, 22.10.2020, p. 5-7); u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1536 tat-22 ta' Ottubru 2020 li jimplementa r-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 351I, 22.10.2020, p. 1-4).

⁸⁵ Bħall-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence tal-UE (SIAC), u, fejn jeħtieġ, il-proġetti rilevanti stabbiliti skont il-PESCO, kif ukoll is-Sistema ta' Twissija Rapida (RAS) tal-2018 li ġiet stabbilita biex tappoġġa l-approċċ ġenerali tal-UE biex tindirizza d-diżinformazzjoni.

b'konformità mal-kompetenzi tagħha, se jippreżenta proposta biex l-UE tkompli tiddefinixxi **l-pożizzjoni tagħha ta' deterrenza ċibernetika**. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma skont is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija sal-lum, il-pożizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-imġiba responsabbli tal-istati u l-kooperazzjoni fiċ-ċiberspazju, u se tagħti direzzjoni partikolari dwar il-ġlieda kontra dawk l-attakki ċibernetiċi li għandhom l-aktar effett sinifikanti, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw l-infrastruttura kritika, l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi tagħna⁸⁶, kif ukoll l-attakki fuq il-katina tal-provvista u s-serq bl-użu taċ-ċibernetika tal-proprietà intellettuali. Il-pożizzjoni għandha tiddeskrivi kif l-UE u l-Istati Membri jistgħu jisfruttaw l-għodod ta' komunikazzjoni politika, ekonomika, diplomatika, legali u strateġika tagħhom kontra attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, u għandha tindirizza wkoll kif l-UE u l-Istati Membri jistgħu javvanzaw il-kapaċità tagħhom li jattribwixxu l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi. Barra minn hekk, flimkien mal-Kunsill, u fejn rilevanti mal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli għandu l-għan li jesplora **miżuri addizzjonali taħt is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija**, inkluża l-possibbiltà ta' aktar għażliet ta' miżuri restrittivi kif ukoll billi jesplora **l-votazzjoni b'maġġoranza kkwalifikata (QMV) għall-elenkar skont ir-reġim ta' sanzjonijiet orizzontali kontra l-attakki ċibernetiċi**. Barra minn hekk, l-UE għandha tagħmel aktar sforzi biex **issaħħa il-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali**, fosthom in-NATO, biex tavvanza l-fehim reċiproku tax-xenarju tat-theddid, tiżviluppa mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u tidentifika risponsi diplomatiċi kooperattivi.

Ir-rappreżentant Għoli, bl-involviment tal-Kummissjoni, se jipproponi wkoll aġġornament tal-**linji gwida ta' implimentazzjoni tas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija**⁸⁷, anki bil-ħsieb li tiżied l-effiċjenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u tkompli torganizza eżerċizzji kif ukoll valutazzjonijiet tas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija fuq bażi regolari. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-UE **tintegra aktar is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija fil-mekkaniżmi tal-UE għall-kriżijiet**, tfittex sinerġiji mal-isforzi biex tiġġieled it-theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u l-interferenza barranija skont il-Qafas Konġunt dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu⁸⁸ u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-UE tirrifletti fuq l-interazzjoni bejn is-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija u l-użu possibbli tal-Artikolu 42.7 tat-TUE u l-Artikolu 222 tat-TFUE⁸⁹.

2.4 *Insaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża ċibernetika*

L-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jżidu l-kapaċità tagħhom li jipprevjenu u jirrispondu għat-theddid ċibernetiku b'konformità mal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE dderivat mill-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016⁹⁰. Għal dan il-għan, ir-Rappreżentant Għoli, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, se jippreżenta **rieżami tal-Qafas ta' Politika dwar id-Difiża Ċibernetika (CDPF)** biex jissaħħu aktar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-atturi tal-UE⁹¹, kif ukoll mal-Istati Membri u bejniethom, anki fir-rigward tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). Jenħtieġ li s-CDPF jinforma lill-Kummissjoni

⁸⁶B'mod partikolari billi tfittex sinerġiji mal-inizjattivi taħt il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea.

⁸⁷13007/17

⁸⁸ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016JC0018&from=EN>

⁸⁹Rispettivament il-klawżola ta' difiża reċiproka, il-klawżola ta' solidarjetà.

⁹⁰Il-konklużjonijiet tal-Kunsill (14149/16) dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.

⁹¹B'mod partikolari s-SEAE, inkluż il-Persunal Militari tal-UE (EUMS), il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), il-Kummissjoni, u l-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA).

Strategiku⁹² li jmiss, filwaqt li jiżgura li ċ-ċibersigurtà u d-difiża ċibernetika jiġu integrati aħjar fl-aġenda aktar ġenerali tas-sigurtà u tad-difiża.

Fl-2018, l-UE identifikat iċ-ċiberspazju bħala dominju ta' operazzjonijiet⁹³. “**Viżjoni u Strateġija Militari għaċ-Ċiberspazju bħala Dominju ta' Operazzjonijiet**” futura tal-Kumitat Militari tal-UE se tkompli tiddefinixxi kif iċ-ċiberspazju bħala qasam ta' operazzjonijiet jippermetti missjonijiet u operazzjonijiet militari tal-PSDK tal-UE. **In-network CERT Militari**⁹⁴, li qed jiġi stabbilit mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), se jkompli jikkontribwixxi biex tiżdied b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata ċ-ċibersigurtà tal-infrastrutturi spazjali kritiċi fir-responsabbiltà tal-Programm Spazjali, l-Aġenzija Ewropea għall-Programm Spazjali u b'mod partikolari ċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo se jissaħħu u l-mandat tagħha se jiġi estiż għal assi kritiċi oħra tal-Programm Spazjali.

Jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jipprovdu aktar impetu **għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża ċibernetika tal-ogħla livell** permezz ta' politiki u strumenti diversi tal-UE, b'mod partikolari s-CDPF, u fejn jixraq, ikomplu jibnu fuq il-ħidma tal-EDA. Dan jeħtieġ enfasi qawwija fuq l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ewlenin bħall-IA, il-kriptaġġ u l-computing kwantistiku. B'konformità mal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċità tal-2018 tal-UE⁹⁵, u abbażi tas-sejbiet tal-ewwel rapport sħiħ tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD)⁹⁶, jenħtieġ li l-UE tkompli trawwem il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fuq **ir-riċerka dwar l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża**, u tħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-potenzjal kollu tal-**kooperazzjoni strutturata permanenti (PESKO)**⁹⁷ u tal-**Fond Ewropew għad-Difiża**⁹⁸.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għas-sinerġiji bejn l-industrija ċivili, tad-difiża u spazjali li se jiġi ppreżentat fl-ewwel trimestru tal-2021 se jkun fih azzjonijiet li jkomplu jappoġġaw is-sinerġiji fil-livell tal-programmi, tat-teknoloġiji, tal-innovazzjoni u tan-negozji l-ġodda, b'konformità mal-governanza tal-programmi rispettivi⁹⁹.

Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu żviluppatti sinerġiji u interfaċċi rilevanti bejn l-inizjattivi taċ-ċiberdifiża mmexxija 'l quddiem f'oqfsa oħra, fosthom il-proġetti kollaborattivi relatati maċ-

⁹²Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża tas-17 ta' Ġunju 2020 (8910/20)

⁹³ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14413-2018-INIT/mt/pdf>

⁹⁴It-twaqqif ta' Network CERT Militari tal-UE jwieġeb għal objettiv identifikat fil-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża tal-2018 u għandu l-għan li jippromwovi l-interazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni attivi bejn is-CERTs militari tal-Istati Membri tal-UE.

⁹⁵F'Ġunju tal-2018, l-Istati Membri ftehm u fil-Bord ta' Tmexxija tal-EDA biex jiggwidaw il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fil-livell tal-UE.

⁹⁶Approvat mill-Ministri tad-Difiża fil-Bord tat-Tmexxija tal-EDA f'Novembru tal-2020.

[https://www.eda.europa.eu/what-we-do/our-current-priorities/coordinated-annual-review-on-defence-\(card\)](https://www.eda.europa.eu/what-we-do/our-current-priorities/coordinated-annual-review-on-defence-(card))

⁹⁷Bħalissa hemm diversi proġetti tal-PESCO relatati maċ-ċibernetika, b'mod partikolari l-Pjattaforma għall-Kondiviżjoni tal-Infommazzjoni dwar it-Theddid Ċibernetiku u r-Rispons għall-Inċidenti, it-Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku u Assistenza Reċiproka fis-Sigurtà Ċibernetika, il-Hub tal-UE għall-Akkademja u l-Innovazzjoni fiċ-Ċibernetika u ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Qasam Ċibernetiku u tal-Infommazzjoni (CIDCC).

⁹⁸Fil-qafas tal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Kummissjoni diġà identifikat l-opportunitajiet għal azzjonijiet kollaborattivi potenzjali ta' riċerka u żvilupp fil-qasam taċ-ċiberdifiża mmirati lejn it-tisħiħ tal-kooperazzjoni, tal-kapaċità tal-innovazzjoni u tal-kompetittività tal-industrija tad-difiża.

⁹⁹Bħal l-Orizzont Ewropa, l-Ewropa Diġitali u l-Fond Ewropew għad-Difiża.

ċibernetika¹⁰⁰ mill-Istati Membri skont il-PESCO, kif ukoll mal-istrutturi taċ-ċibersigurtà tal-UE, biex jappoġġaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-appoġġ reċiproku.

Inizjattivi strateġiċi

Jenħtieġ li l-UE:

- Tlesti l-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà u tiddetermina l-proċess, l-istadji importanti u l-iskeda ta' żmien għall-istabbiliment tal-Unità Ċibernetika Konġunta;
- Tkompli l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar iċ-ċiberkriminalità fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà;
- Tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma dwar l-intelligence ċibernetika tal-Istati Membri li jirrisjedi fl-INTCEN tal-UE;
- Tavvanza l-pożizzjoni ta' deterrent ċibernetiku tal-UE biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi, u tirrispondi għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi;
- Tirrieżamina l-Qafas ta' Politika dwar iċ-Ċiberdifiża;
- Tiffaċilita l-iżvilupp ta' "Viżjoni u Strateġija Militari dwar iċ-Ċiberspazju bħala Dominju ta' Operazzjonijiet" tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK;
- Tappoġġa s-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u spazjali; u
- Issaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-infrastrutturi spazjali kritiċi skont il-Programm Spazjali.

3. L-AVVANZ TA' ĊIBERSPAZJU GLOBALI U MIFTUĦ

L-UE se tkompli taħdem mas-sħab internazzjonali biex tippromwovi mudell u viżjoni politiċi taċ-ċiberspazju bbażati fuq l-istat tad-dritt, fuq id-drittijiet tal-bniedem, fuq il-libertajiet fundamentali u fuq il-valuri demokratiċi li jgħibu żvilupp soċjali, ekonomiku u politiku globali, u jikkontribwixxu għal Unjoni tas-Sigurtà. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali biex iċ-ċiberspazju jinżamm globali, miftuħ, stabbli u sikur. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-UE tkompli taħdem ma' pajjiżi terzi, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll mal-komunità tad-diversi partijiet ikkonċernati, biex tiżviluppa u timplimenta politika ċibernetika internazzjonali koerenti u olistika, konxja tal-interkonnessjoni dejjem tikber bejn l-aspetti ekonomiċi ta' teknoloġiji ġodda, is-sigurtà interna u l-politiki barranin, ta' sigurtà u ta' difiża. Bħala blokk ekonomiku u kummerċjali b'saħħtu bbażat fuq il-valuri demokratiċi ewlenin, ir-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, l-UE tinsab ukoll f'pożizzjoni unika biex tmexxi d-definizzjoni u l-promozzjoni ta' normi u standards internazzjonali.

¹⁰⁰ <https://pesco.europa.eu/>

3.1. It-tmexxija tal-UE rigward l-istandards, in-normi u l-oqfsa fiċ-ċiberspazju

It-tisħiħ tal-istandardizzazzjoni internazzjonali

Biex tippromwovi u tiddefendi l-viżjoni tagħha taċ-ċiberspazju fil-livell internazzjonali, jeħtieġ li l-UE **żżid l-involviment u t-tmexxija tagħha fi proċessi ta' standardizzazzjoni internazzjonali, u ssaħħaħ ir-rappreżentanza tagħha f'korpi ta' standardizzazzjoni internazzjonali u Ewropej kif ukoll f'organizzazzjonijiet oħra għall-iżvilupp tal-istandards**¹⁰¹. Hekk kif it-teknoloġiji diġitali qed jiżviluppaw b'pass mgħaġġel, l-importanza tal-istandards internazzjonali biex jikkumplimentaw l-isforzi regolatorji tradizzjonali f'oqsma bħall-IA, il-cloud, il-computing kwantistiku u l-komunikazzjoni kwantistika, qiegħda tikber il-ħin kollu. L-istandardizzazzjoni internazzjonali qed tintuża iżjed u iżjed mill-pajjiżi terzi biex imexxu 'l quddiem l-aġenda politika u ideoloġika tagħhom, li spiss ma tkunx taqbel mal-valuri tal-UE. Barra minn hekk, hemm riskju dejjem jikber ta' oqfsa li jikkompetu għall-istandardizzazzjoni internazzjonali, li jwasslu għal frammentazzjoni.

Huwa essenzjali li jitfasslu standards internazzjonali fl-oqsma tat-teknoloġiji emerġenti u tal-arkitektura ewlenija tal-internet konformi mal-valuri tal-UE biex ikun żgurat li l-Internet jibqa' globali u miftuħ, li t-teknoloġiji jkun cċentriati fuq il-bniedem, iffukati fuq il-privatezza, u li l-użu tagħhom ikun legali, sikur u etiku. Bħala parti mill-Istrateġija ta' Standardizzazzjoni tagħha li jmiss, jenħtieġ li l-UE tiddefinixxi **l-oġġettivi tagħha għall-istandardizzazzjoni internazzjonali**, u twettaq sensibilizzazzjoni proattiva u kkoordinata biex tippromwovi dawn l-oġġettivi fil-livell internazzjonali. Trid tfittex li jkollha kooperazzjoni aktar b'saħħitha u kondivizzjoni tal-piżizzjoni ma' sħab tal-istess fehma u mal-partijiet ikkonċernati Ewropej.

Tavvanza l-Imġieba Responsabbli tal-Istati fiċ-Ċiberspazju

L-UE tkompli taħdem mas-sħab internazzjonali biex tavvanza u tippromwovi ċiberspazju globali, miftuħ, stabbli u sikur fejn il-**liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU)**¹⁰², **tiġi rispettata**, u jiġu osservati **n-normi, ir-regoli u l-prinċipji volontarji mhux vinkolanti ta' mġieba responsabbli tal-istati**¹⁰³. Bid-deterjorament ta' dibattitu multilaterali effettiv dwar is-sigurtà internazzjonali fiċ-ċiberspazju, hemm hteġa ċara li l-UE u l-Istati Membri jieħdu pożizzjoni aktar proattiva fid-diskussjonijiet fin-NU u f'fora internazzjonali rilevanti oħra. L-UE tinsab fl-aħjar pożizzjoni **biex tavvanza, tikkordina u tikkonsolida l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri f'fora internazzjonali**, u jenħtieġ li **tiżviluppa pożizzjoni tal-UE dwar l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fiċ-ċiberspazju**. Ir-rappreżentant Għoli, flimkien mal-Istati Membri, għandu wkoll l-għan li jmexxi 'l quddiem il-proposta inklużiva u bbażata fuq il-kunsens tagħhom għal impenn politiku dwar **Programm ta' Azzjoni għall-Avvanz tal-Imġieba Responsabbli tal-Istati fiċ-**

¹⁰¹ Pereżempju [l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni \(ISO\)](#), [il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali \(IEC\)](#), [l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni \(ITU\)](#), [il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni \(CEN\)](#), [il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika \(CENELEC\)](#), [il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika \(ETSI\)](#), l-Internet Engineering Task Force (IETF), il-Proġett ta' Sħubija tat-tielet Ġenerazzjoni (3GPP) u [l-Istitut tal-Inġinjera Elettriċi u Elettroniċi \(IEEE\)](#).

¹⁰² <https://www.un.org/en/sections/un-charter/un-charter-full-text/>

¹⁰³ Kif inhu rifless fir-rapporti rilevanti tal-Gruppi ta' Esperti Governattivi dwar il-Promozzjoni ta' imġieba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju fil-kuntest tas-sigurtà internazzjonali (GEGNU), approvati mill-AĠNU, b'mod partikolari r-rapporti tal-2015, tal-2013 u tal-2010.

Ċiberspazju (PtA)¹⁰⁴ fin-NU. Filwaqt li jibni fuq l-*acquis* eżistenti kif approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU¹⁰⁵, il-PtA joffri pjattaforma għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan in-NU, u jipproponi li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jpoġġi fil-prattika n-normi ta' mgħiba responsabbli tal-istati u jippromwovi l-bini tal-kapaċitajiet. Barra minn hekk, ir-Rappreżentant Għoli għandu l-għan li jsahha u jħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' **miżuri għall-bini tal-fiduċja** bejn l-istati, inkluż il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-livelli reġjonali u multilaterali u l-kontribut għall-kooperazzjoni transreġjonali.

Jenħtieġ li ż-żieda fil-konnettività globali ma twassalx għal ċensura, sorveljanza tal-massa, ksur tal-privatezza tad-*data* u ripressjoni kontra s-soċjetà ċivili, l-akkademja u ċ-ċittadini. Jenħtieġ li l-UE tkompli tmexxi l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-**drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali** online. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-UE tippromwovi aktar konformità mal-liġi u l-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem¹⁰⁶, u tħaddem il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020–2024¹⁰⁷, u tavvanza l-Linji Gwida tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline¹⁰⁸, u **tagħti mbuttatura għida lill-applikazzjoni prattika tal-istrumenti tal-UE**. L-UE għandha ssostni l-isforzi tagħha biex **tippoteġi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u l-akkademja li jaħdmu fuq kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, il-privatezza tad-*data*, is-sorveljanza u ċ-ċensura online**. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-UE tipprovdi aktar gwida prattika, tippromwovi l-aħjar prattiki u żżid l-isforzi tagħha biex tipprevjeni l-użu ħażin tat-teknoloġiji emerġenti, b' mod partikolari permezz tal-użu ta' miżuri diplomatiċi fejn jeħtieġ, kif ukoll permezz tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' tali teknoloġiji. Jenħtieġ ukoll li-UE tkompli tiġġieled għall-protezzjoni tal-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà online, billi tressaq leġiżlazzjoni biex tippoteġi aħjar lit-tfal kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal u Strateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Il-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità

L-UE għadha tappoġġa l-pajjiżi terzi li jridu jaderixxu mal-**Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa** u li jaħdmu biex jiffinalizzaw it-**Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest** li jinkludi miżuri u salvagwardji għat-titjib tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-infurzaturi tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji, kif ukoll bejn l-awtoritajiet u l-fornituri tas-servizz f'pajjiżi oħra, u li għalihom il-Kummissjoni tipparteċipa fin-negozjati f'isem l-UE¹⁰⁹. L-inizjattiva attwali għal strument legali għdid dwar iċ-ċiberkriminalità fil-livell tan-NU tirriskja li tamplifika d-diviżjonijiet u tnaqqas ir-ritmu tar-riformi nazzjonali tant meħtieġa u l-isforzi relatati għall-bini tal-kapaċitajiet, dan kollu għandu l-potenzjal li jfikkil il-kooperazzjoni internazzjonali effettiva kontra ċ-ċiberkriminalità: l-UE ma tara l-ebda hteġa għal strument legali għdid dwar iċ-ċiberkriminalità fil-livell tan-NU. L-UE tkompli timpenja ruħha fl-**iskambji multilaterali dwar iċ-ċiberkriminalità** biex tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet

¹⁰⁴<https://front.un-arm.org/wp-content/uploads/2020/10/joint-contribution-poa-the-future-of-cyber-discussions-at-the-un-10302020.pdf>

¹⁰⁵Kif inhu rifles fir-rapporti rilevanti tal-Gruppi ta' Esperti Governattivi dwar l-Iżviluppi fil-Qasam tal-Infurmazzjoni u t-Telekomunikazzjoni fil-Kuntest tas-Sigurtà Internazzjonali (GEGNU), approvati mill-AĠNU b' mod partikolari: ir-Rapporti tal-2015, tal-2013 u tal-2010.

¹⁰⁶B' mod partikolari l-Karta tan-NU u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

¹⁰⁷ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/11/19/council-approves-conclusions-on-the-eu-action-plan-on-human-rights-and-democracy-2020-2024/>

¹⁰⁸ <https://www.consilium.europa.eu/media/28348/142549.pdf>

¹⁰⁹Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2019 (ref. 9116/19)

fundamentali, permezz tal-inklużività, it-trasparenza, u filwaqt li tqis l-għarfien espert disponibbli, bil-għan li jinkiseb valur miżjud għal kulħadd.

3.2 *Il-kooperazzjoni mas-sħab u mal-komunità tal-partijiet ikkonċernati diversi*

Jenħtieġ li l-UE **ssaħħa u twessa' d-djalogi ċibernetiċi tagħha ma' pajjiżi terzi** biex tippromwovi l-valuri u l-viżjoni tagħha għaċ-ċiberspazju, tikkondividi l-aħjar prattiki, u tfittex li tikkoopera b'mod aktar effettiv. Jenħtieġ li l-UE tistabbilixxi wkoll **skambji strutturati ma' organizzazzjonijiet reġjonali** bħall-Unjoni Afrikana, il-Forum Reġjonali tal-ASEAN, l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-UE tagħmel hilita biex issib bażi komuni, fejn ikun possibbli u xieraq, ma' sħab oħra abbażi ta' kwistjonijiet ta' interess komuni. Filwaqt li taħdem mad-Delegazzjonijiet tal-UE, kif ukoll fejn rilevanti mal-ambaxxati tal-Istati Membri madwar id-dinja, jenħtieġ li l-UE **tiffirma Network informali taċ-Ċiberdiplomazija** tal-UE biex tippromwovi l-viżjoni tal-UE taċ-ċiberspazju, tiskambja informazzjoni u tikkoordina regolarment dwar l-iżviluppi fiċ-ċiberspazju¹¹⁰.

Filwaqt li tkompli tibni fuq id-Dikjarazzjonijiet Konġunti tat-8 ta' Lulju 2016¹¹¹ u tal-10 ta' Lulju 2018¹¹², jenħtieġ li l-UE tkompli tavvanza **l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO**, b'mod partikolari dwar ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà taċ-ċiberdifiża. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-UE tkompli ssegwi l-affiljazzjoni tal-istrutturi rilevanti tal-PSDK man-Networking Federat tal-Missjoni tan-NATO, li jippermettu l-interoperabbiltà tan-network man-NATO u s-sħab fejn meħtieġ. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji għandha tiġi esplorata aktar, anki billi jinstabu sinerġiji bejn il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża u ċ-Ċentru ta' Eċċellenza għaċ-Ċiberdifiża Kooperattiva tan-NATO.

B'konformità mal-valuri tagħha, l-UE tappoġġa u tippromwovi bil-qawwa **l-mudell ta' diversi partijiet ikkonċernati għall-governanza tal-Internet**. L-ebda entità, gvern jew organizzazzjoni internazzjonali ma għandha tfittex li tikkontrolla l-Internet. Jenħtieġ li l-UE tkompli timpenja ruħha f'fora¹¹³ biex ittejjeb il-kooperazzjoni u tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għad-dinjità, għall-privatezza u għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Biex javvanzaw il-kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet ta' ċibersigurtà, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, qegħdin jimmiraw li jsaħħu **l-iskambji regolari u strutturati mal-partijiet ikkonċernati**, inkluż is-settur privat, l-akkademja u s-soċjetà ċivili, filwaqt li jenfasizzaw li n-natura interkonnessa taċ-ċiberspazju teħtieġ li l-partijiet ikkonċernati kollha jwettqu l-iskambji f'ċiberspazju globali, miftuħ, stabbli u sigur, u jieħdu r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom biex jinżamm dan iċ-ċiberspazju. Dawn l-isforzi se jagħtu kontribut siewi għal azzjonijiet ewlenin potenzjali fil-livell tal-UE.

¹¹⁰Fejn rilevanti tista' wkoll tingrana l-attivitajiet tan-Network informali tad-Diplomazija Diġitali tal-UE li jinkorpora l-ministeri għall-affarijiet barranin tal-Istati Membri.

¹¹¹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/07/08/eu-nato-joint-declaration/>

¹¹² <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/07/10/eu-nato-joint-declaration/>

¹¹³Bħall-Internet Cooperation for Assigned Names and Numbers (ICANN) u l-Forum ta' Governanza tal-Internet (IGF).

3.3. *It-tisħiħ tal-kapaċitajiet globali biex tiżdied ir-reżiljenza globali*

Biex tiżgura li l-pajjiżi kollha jkunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-Internet u tal-użu tat-teknoloġiji, l-UE tkompli tappoġġa lis-sħab tagħha biex iżidu r-reżiljenza ċibernetika u l-kapaċitajiet tagħhom biex jinvestigaw u jħarrku ċ-ċiberkriminalità u jindirizzaw it-theddid ċibernetiku. Sabiex tiżgura koerenza ġenerali, jenħtieġ li l-UE tiżviluppa **Aġenda għall-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika Esterna tal-UE** biex tidderieġi dawn l-isforzi b'konformità mal-Linji Gwida tagħha dwar il-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika Esterna¹¹⁴ u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli¹¹⁵. L-Aġenda trid tuża l-għarfien espert tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji u l-inizjattivi rilevanti tal-UE, inkluż in-network tal-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika tal-UE¹¹⁶, b'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom. Għandu jinħoloq **Bord tal-UE għall-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika**, biex jinkludi l-partijiet ikkonċernati istituzzjonali rilevanti tal-UE, u biex jimmonitorja l-progress, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' aktar sinerġiji u lakuni potenzjali. Barra minn hekk, dan jista' jappoġġa l-kooperazzjoni msaħħa mal-Istati Membri, kif ukoll mas-sħab tas-settur pubbliku u privat u ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-isforzi u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet.

Jenħtieġ li **l-bini tal-kapaċità ċibernetika tal-UE** jkompli jiffoka fuq il-Balkani tal-Punent u fuq il-viċinat tal-UE, kif ukoll fuq pajjiżi sħab li qed jesperjenzaw żvilupp diġitali rapidu. Jenħtieġ li l-isforzi tal-UE jappoġġaw l-iżvilupp ta' leġislazzjoni u politiki tal-pajjiżi sħab b'konformità mal-politiki u l-istandards rilevanti taċ-ċiberdiplomazija tal-UE. F'dan il-kuntest, l-isforzi tal-UE għall-bini tal-kapaċità fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni jenħtieġ li jinkludu ċ-ċibersigurtà bħala karatteristika standard. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-UE tiżviluppa programm ta' taħriġ iddedikat għall-persunal tal-UE inkarigat mill-implimentazzjoni tal-isforzi tal-UE għall-bini tal-kapaċità diġitali u ċibernetika esterna. Jenħtieġ li l-UE tgħin ukoll lil dawn il-pajjiżi biex jindirizzaw l-isfida dejjem tikber ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi li jagħmlu ħsara lill-iżvilupp tas-soċjetajiet tagħhom u **lill-integrità u s-sigurtà tas-sistemi demokratiċi**, f'konformità mal-isforzi taħt il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. It-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji rilevanti tal-UE u pajjiżi terzi jista' jkun partikolarment utli f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar nett, fil-kuntest tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK tal-2018¹¹⁷, il-missjonijiet ċivili tal-PSDK jistgħu wkoll jikkontribwixxu għar-rispons aktar wiesgħa tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari billi jissaħħaħ l-istat tad-dritt fil-pajjiżi sħab, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ċivili tagħhom.

Inizjattivi strateġiċi

Jenħtieġ li l-UE:

- Tiddefinixxi sett ta' objettivi fil-proċessi ta' standardizzazzjoni internazzjonali, u tippromovihom fil-livell internazzjonali;
- Tavvanza s-sigurtà internazzjonali u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju, b'mod partikolari permezz tal-proposta tal-UE u tal-Istati Membri tagħha ta' Programm ta' Azzjoni biex

¹¹⁴ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10496-2018-INIT/en/pdf>

¹¹⁵ https://ec.europa.eu/environment/sustainable-development/SDGs/index_en.htm

¹¹⁶ <https://www.eucybernet.eu/>

¹¹⁷ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14611-2019-INIT/mt/pdf>

Javvanza l-Imġiba Responsabbli tal-Istati fiċ-Ċiberspazju (PtA) fin-Nazzjonijiet Uniti;

- Toffri gwida Prattika dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fiċ-ċiberspazju;
- Tipproteġi aħjar lit-tfal kontra l-abuż u l-isfruttament sesswali, u tistabbilixxi Strateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
- Issaħħaħ u tippromwovi l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità, anki permezz tal-ħidma fuq it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest;
- Tespandi d-djalogu ċibernetiku tal-UE ma' pajjiżi terzi, u ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, inkluż permezz ta' Network informali taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE;
- Issaħħaħ l-iskambji mal-komunità tad-diversi partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari permezz ta' skambji regolari u strutturati mas-settur privat, mal-akkademja u mas-soċjetà ċivili; u
- Tipproponi Aġenda għall-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika Esterna tal-UE u Bord tal-UE għall-Bini tal-Kapaċità Ċibernetika.

III. IĊ-ĊIBERSIGURTÀ FL-ISTITUZZJONIJIET, IL-KORPI U L-AĠENZIJI TAL-UE

Minħabba l-importanza politika tagħhom, il-missjonijiet kritiċi tagħhom biex jikkoordinaw kwistjonijiet sensitivi ħafna, u r-rwol tagħhom fil-ġestjoni ta' somom kbar ta' flus pubbliċi, **l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE huma miri regolari ta' attacchi ċibernetiċi**, b'mod partikolari l-ispjunaġġ ċibernetiku. Madankollu, il-livell ta' reżiljenza ċibernetika u l-kapaċità li wieħed jidentifika u jirreaġixxi għall-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jvarja b'mod sinifikanti fost dawn l-entitajiet f'termini ta' maturità. Għalhekk jeħtieġ li jittejjeb il-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà permezz ta' regoli konsistenti u omoġenji.

Fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, sar progress lejn aktar konsistenza tar-regoli għall-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata tal-UE kif ukoll informazzjoni sensitiva mhux ikklassifikata. Madankollu, l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni kklassifikata għadha limitata, u dan jipprevjeni t-trasferiment bla xkiel tal-informazzjoni bejn l-entitajiet differenti. Jenħtieġ li jsir aktar progress biex jista' jkun hemm approċċ interistituzzjonali għat-trattament ta' informazzjoni kklassifikata tal-UE u ta' informazzjoni sensitiva mhux ikklassifikata, li jistgħu jservu wkoll bħala mudell għall-interoperabbiltà fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll linja bażi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri mal-Istati Membri. Jenħtieġ ukoll li l-UE tkompli tiżviluppa l-kapaċità tagħha li tikkomunika b'mod sigur mas-sħab rilevanti, filwaqt li tkompli tibni sa fejn ikun possibbli fuq l-arranġamenti u l-proċeduri eżistenti.

Għalhekk, kif tħabbar fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà, il-Kummissjoni se tagħmel proposti għal **regoli vinkolanti komuni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u għal regoli vinkolanti komuni dwar iċ-ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha**

tal-UE fl-2021, abbażi tad-diskussjonijiet interistituzzjonali tal-UE li għaddejjin bħalissa dwar iċ-ċibersigurtà¹¹⁸.

Ix-xejriet attwali u futuri tat-telexogħol se jeħtieġu wkoll aktar investimenti f'taġħmir, infrastrutturi u għodod siguri li jippermettu li ssir ħidma mill-bogħod fuq fajls sensitivi u kklassifikati.

Barra minn hekk, ix-xenarju ta' theddid ċibernetiku dejjem aktar ostili u ż-żieda fl-inċidenza ta' attakki ċibernetiċi aktar sofistikati li jaffettwaw l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE jixprunaw il-ħtieġa ta' aktar investimenti biex jintlaħaq livell għoli ta' maturità ċibernetika. Qed jiġi stabbilit Programm ta' Sensibilizzazzjoni dwar iċ-Ċibernetika għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE biex jiżdiedu l-għarfien tal-persunal, l-iġjene ċibernetika u biex tkun appoġġata kultura komuni ta' ċibersigurtà.

Huwa meħtieġ **it-tisħiħ tas-CERT-UE b'mekkaniżmu ta' finanzjament intejjeb** biex tiżdied il-kapaċità tagħha li tgħin lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji tal-UE japplikaw ir-regoli l-ġodda dwar iċ-ċibersigurtà, u jtejbu r-reżiljenza ċibernetika tagħhom. Il-mandat tas-CERT-UE għandu jissaħħaħ ukoll biex jipprovdilha mezzi stabbli biex tilħaq dawn l-oġettivi.

Inizjattivi strateġiċi

1. Regolament dwar is-Sigurtà tal-Infommazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-aġenziji tal-UE
2. Regolament dwar Regoli Komuni dwar iċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE
3. Bażi ġuridika ġdida għas-CERT-UE biex issaħħaħ il-mandat u l-finanzjament tagħha.

IV. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni miftiehma ta' din l-istrateġija se tikkontribwixxi għal deċennju diġitali ċibersigur għall-UE, biex tinkiseb Unjoni tas-Sigurtà, u tissaħħaħ il-pożizzjoni globali tal-UE.

Jenħtieġ li l-UE tixpruna l-istandards u n-normi għal soluzzjonijiet u standards ta' klassi dinjija fejn tidħol iċ-ċibersigurtà għas-servizzi essenzjali u l-infrastrutturi kritiċi, kif ukoll għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda. Kull organizzazzjoni u individwu li jużaw l-Internet huma parti mis-soluzzjoni biex tkun żgurata trasformazzjoni diġitali ċibersigura.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, se jimmonitorjaw il-progress ta' din l-istrateġija u jiżviluppaw il-kriterji għall-evalwazzjoni. Fost l-elementi kontributuri għal dan il-monitoraġġ jenħtieġ li jkun hemm ir-rapporti tal-ENISA u r-rapporti regolari tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. Ir-riżultati se jikkontribwixxu għall-oġettivi tad-Deċennju Diġitali li jmiss¹¹⁹. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, se jkomplu jikkollaboraw mal-

¹¹⁸Id-diskussjonijiet interistituzzjonali regolari tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà jiffurmaw huma parti mill-iskambji aktar ġenerali dwar l-oportunitajiet u l-isfidi tat-trasformazzjoni diġitali għall-istituzzjonijiet tal-UE.

¹¹⁹ Kif tħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021.

Istati Membri biex jidentifikaw miżuri prattiċi li jgħaqqdu l-erba' komunitajiet ta' ċibersigurtà fl-UE, jiġifieri l-infrastruttura kritika u r-reżiljenza tas-suq intern, il-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi, iċ-ċiberdiplomazija u ċ-ċiberdifiża, meta jeħtieġ. Minbarra dan, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jkomplu jinvolve ruħhom mal-komunità ta' bosta partijiet ikkonċernati biex jisħqu fuq il-bżonn li kull utent tal-Internet jaqdi r-rwol tiegħu biex jinżamm ċyberspazju globali, miftuħ, stabbli u sigur, li jipprovdi haġja diġitali sikura lil kulħadd.

Appendiċi: Il-passi li jmiss dwar iċ-ċibersigurtà tan-networks 5G

Abbażi tar-riżultati tar-rieżami tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċibersigurtà tan-networks 5G¹²⁰, il-passi li jmiss fil-ħidma kkoordinata fil-livell tal-UE jenħtieġ li jiffukaw fuq tliet objettivi ewlenin u fuq l-azzjonijiet ewlenin għall-perjodu qasir u medju stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt, li jridu jiġu implimentati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, mill-Kummissjoni u mill-ENISA.

L-ewwel prijorità għall-fażi li jmiss hi li **titlesta l-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod fil-livell nazzjonali u li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati fir-Rapport ta' Progress ta' Lulju 2020**. F'dan il-kuntest, uħud mill-miżuri strateġiċi tas-Sett ta' Għodod se jibbenefikaw minn **ħidma kkoordinata jew skambju ta' informazzjoni mtejbmin fil-Fluss ta' Ħidma tal-NIS**, kif diġà ġie identifikat fir-Rapport ta' Progress, li potenzjalment jista' jwassal għall-iżvilupp tal-**aqwa Prattiki jew gwida**. Rigward il-miżuri tekniċi, l-ENISA tista' tipprova aktar appoġġ, imsejjes fuq il-ħidma li diġà għamlet u tistħarreġ ċerti suġġetti aktar fil-fond, u tiżviluppa **deskrizzjoni ġenerali komprensiva tal-linji gwida rilevanti kollha dwar ir-reqwiżiti taċ-ċibersigurtà tal-5G għall-operaturi tan-networks mobbli**.

It-tieni, l-Istati Membri saħqu fuq l-importanza li nżommu ruħna aġġornati mal-iżviluppi permezz tal-**monitoraġġ kontinwu tal-evoluzzjonijiet fit-teknoloġija, fl-arkitettura 5G, fit-theddin u fil-każijiet u l-applikazzjonijiet tal-użu tal-5G, kif ukoll fil-fatturi esterni**, biex inkunu nistgħu **nidentifikaw u nindirizzaw ir-riskji l-ġodda jew emerġenti**. Barra minn hekk, jenħtieġ li jsir eżami bir-reqqa ta' bosta aspetti fl-analiżi tar-riskju inizjali, b'mod partikolari biex ikun żgurat li din tkun tindirizza l-ekosistema kollha tal-5G, inkluż il-partijiet rilevanti kollha tal-infrastruttura tan-network u tal-katina tal-provvista tal-5G. Filwaqt li s-Sett ta' Għodod tfassal bħala strument flessibbli u adattabbli, jekk ikun jeħtieġ jistgħu jittieħdu passi fit-terminu medju biex inżidu miegħu jew nemendawh, biex niżguraw li jibqa' komprensiv u aġġornat.

It-tielet, jenħtieġ li jissoktaw **l-azzjonijiet fil-livell tal-UE** li jappoġġaw u jikkomplementaw l-objettivi tas-Sett ta' Għodod u li jintegrawhom bis-sħiħ fil-politiki rilevanti tal-Unjoni u tal-Kummissjoni, b'mod partikolari b'segwitu għall-azzjonijiet li ħabbret il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar is-Sett ta' Għodod tad-29 ta' Jannar 2020¹²¹ f'firxa wiesgħa ta' oqsma (eż. il-finanzjament tal-UE għal networks siguri tal-5G, l-investimenti fit-teknoloġiji 5G u wara l-5G, strumenti għad-difiża tal-kummerċ u l-kompetizzjoni biex ikunu evitati distorsjonijiet fis-suq tal-provvista tal-5G, eċċ.).

Meta jixraq, jenħtieġ li l-arranġamenti dettaljati u l-istadji importanti għall-azzjonijiet ewlenin stabbiliti hawn taħt jiġu miftiehma mill-atturi ewlenin fil-bidu tal-2021.

Objettiv ewlieni 1: Niżguraw approċċi nazzjonali konverġenti għal mitigazzjoni effettiva tar-riskju madwar l-UE		
Oqsma	Azzjonijiet ewlenin f'terminu qasir u medju	Atturi ewlenin
Implimentazzjoni tas-	Inlestu l-implimentazzjoni tal-miżuri rakkomandati fil-	L-Awtoritajiet

¹²⁰Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2019/534 tat-26 ta' Marzu 2019 dwar iċ-Ċibersigurtà tan-networks 5G.

¹²¹Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 50, Introduzzjoni sigura tal-5G fl-UE - Implimentazzjoni tas-sett ta' għodod tal-UE, id-29 ta' Jannar 2020.

Sett ta' Għodod mill-Istati Membri	konklużjonijiet tas-Sett ta' Għodod sat-tieni trimestru tal-2021, b'rendikont perjodiku fil-Fluss ta' Ħidma tal-NIS.	tal-Istati Membri
Skambju ta' informazzjoni u l-aqwa prattiki dwar miżuri strateġiċi relatati mal-fornituri	Jintensifikaw l-iskambji tal-informazzjoni u jikkunsidraw l-aqwa prattiki possibbli, b'mod partikolari dwar: <ul style="list-style-type: none"> - restrizzjonijiet fuq fornituri b'riskju għoli (SM03) u miżuri relatati mal-forniment ta' servizzi ġestiti (SM04); - is-sigurtà u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista, b'mod partikolari b'segwitu għall-istħarriġ imwettaq mill-BEREC dwar SM05-SM06. 	L-Awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni
Bini ta' kapaċità u gwida dwar miżuri tekniċi	Iwettqu analiżijiet dettaljati tekniċi u jiżviluppaw gwida u għodod komuni, inkluż: <ul style="list-style-type: none"> - matriċi komprensiva u dinamika tal-kontrolli tas-sigurtà u tal-aqwa prattiki għas-sigurtà tal-5G; gwida b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi magħżula mis-Sett ta' Għodod. 	L-ENISA, l-awtoritajiet tal-Istati Membri
Objettiv ewleni 2: Jappoġġaw l-iskambju kontinwu tal-għarfien u l-bini tal-kapaċità		
Oqsma	Azzjonijiet ewlenin f'terminu qasir u medju	Atturi ewlenin
Bini kontinwu tal-għarfien	Jorganizzaw attivitajiet ta' bini tal-għarfien dwar it-teknoloġija u l-isfidi relatati (arkitetturi miftuħa, karatteristiċi tal-5G, bħall-virtwalizzazzjoni, il-kontejnerizzazzjoni, il-partizzjoni, eċċ.), l-evoluzzjonijiet tal-ambjenti tat-treddid, l-inċidenti fil-ħajja reali, u l-bqija.	L-ENISA, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati oħra
Valutazzjonijiet tar-riskju	Jaġġornaw u jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali aġġornati	L-Awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-ENISA
Proġetti konġunti ffinanzjati mill-UE li jappoġġaw l-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod	Jagħtu appoġġ finanzjarju lil proġetti li jappoġġaw l-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod permezz ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-Programm Ewropa Diġitali (eż. proġetti ta' bini ta' kapaċità għall-awtoritajiet nazzjonali, pjattaformi għall-ittestjar jew kapaċitajiet avvanzati oħra, eċċ.)	L-Awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni
Kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati	Irawmu kollaborazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali involuti fiċ-ċibersigurtà tal-5G (eż. il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, l-awtoritajiet taċ-ċibersigurtà, l-awtoritajiet regolatorji tat-telekomunikazzjoni) u ma' partijiet ikkonċernati privati	L-Awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-ENISA
Objettiv ewleni 3: Jippromwovu r-reżiljenza tal-katina tal-provvista, u objettivi strateġiċi oħra tas-sigurtà tal-UE		
Oqsma	Azzjonijiet ewlenin f'terminu qasir u medju	Atturi ewlenin
Standardizzazzjoni	Jiddefinixxu u jwettqu pjan ta' azzjoni konkret li jtejjeb ir-rappreżentanza tal-UE fil-korpi li jistabbilixxu l-istandards bħala parti mill-passi li jmiss tal-ħidma tas-sottogrupp tal-NIS dwar l-istandardizzazzjoni, biex jintlaħqu objettivi speċifiċi tas-sigurtà, inkluż il-promozzjoni ta' interfaċċi interoperabbli li jiffaċilitaw id-diversifikazzjoni tal-fornituri.	L-Awtoritajiet tal-Istati Membri
Ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista	- Jwettqu analiżi profonda tal-ekosistema tal-5G u tal-katina tal-provvista biex jidentifikaw u jimmonitorjaw l-	L-Awtoritajiet tal-Istati

	<p>assi ewlenin u d-dipendenzi kritiċi potenzjali</p> <ul style="list-style-type: none"> - Jiżguraw li l-funzjonament tas-suq u tal-katina tal-provvista tal-5G hu konformi mar-regoli u l-oġġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-kompetizzjoni, kif iddefinit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar, u li l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani jiġi applikat għall-iżviluppi tal-investiment li potenzjalment jaffettwaw il-katina tal-valur tal-5G, filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi tas-Sett ta' Għodod. - Jimmonitorjaw ix-xejriet tas-suq eżistenti u mistennija u jivvalutaw ir-riskji u l-opportunitajiet fil-qasam tar-RAN Miftuħ, b'mod partikolari bi studju indipendenti 	Membri, il-Kummissjoni
Ċertifikazzjoni	Jibdew it-tħejjija ta' skema/i taċ-ċertifikazzjoni kandidati rilevanti għall-komponenti ewlenin tal-5G u l-proċessi tal-fornituri, biex jgħinu ħalli jiġu indirizzati ċerti riskji relatati mal-vulnerabbiltajiet tekniċi, kif iddefinit fil-pjanijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju tas-Sett ta' Għodod.	Il-Kummissjoni, l-ENISA, l-awtoritajiet nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati l-oħra
Il-kapaċitajiet tal-UE u skjeramenti ta' networks siguri	<ul style="list-style-type: none"> - Jinvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni u fil-kapaċitajiet, b'mod partikolari bl-adozzjoni tas-Sħubija għal Networks u Servizzi Intelliġenti. - Jimplimentaw il-kundizzjonijiet tas-sigurtà rilevanti għall-programmi ta' finanzjament u l-istrumenti finanzjarji (interni u esterni) tal-UE, kif tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar. 	L-Istati Membri/il-Kummissjoni, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija tal-5G
Aspetti esterni	Tingħata risposta favorevoli lit-talbiet ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jifhmu u potenzjalment jużaw l-approċċ tas-Sett ta' Għodod żviluppat mill-UE.	L-Istati Membri/il-Kummissjoni, l-SEAE, id-Delegazzjonijiet tal-UE